**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument**

►**B** **REGOLAMENT (UE) 2018/1727 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tal-14 ta' Novembru 2018**

**dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI**

(ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►**M1** | Regolament (UE) 2022/838 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 | L 148 | 1 | 31.5.2022 |
| ►**M2** | Regolament (UE) 2023/2131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2023 | L 2131 | 1 | 11.10.2023 |

▼B

# REGOLAMENT (UE) 2018/1727 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-14 ta' Novembru 2018**

**dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI**

## KAPITOLU I

## STABBILIMENT, GĦANIJIET U KOMPITI TAL-EUROJUST

### *Artikolu 1*

### L-istabbiliment tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali

1. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) hija b'dan stabbilita.

2. Il-Eurojust kif stabbilita minn dan ir-Regolament għandha tissostitwixxi u tissuċċedi lill-Eurojust kif stabbilita mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI.

3. Il-Eurojust għandu jkollha personalità ġuridika.

### *Artikolu 2*

### Kompiti

1. Il-Eurojust għandha tappoġġa u ssaħħaħ il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni fir-rigward tal-kriminalità serja li l-Eurojust hija kompetenti biex tittratta skont l-Artikolu 3(1) u (3), fejn dik il-kriminalità tkun taffettwa żewġ Stati Membri jew iktar, jew tkun teħtieġ prosekuzzjoni fuq bażijiet komuni, fuq il-bażi ta' operazzjonijiet imwettqa u tagħrif ipprovdut mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, mill-Europol, mill-UPPE u mill-OLAF.

2. Fit-twettiq tal-kompiti tagħha, il-Eurojust għandha:

(a) tieħu f'kunsiderazzjoni kwalunkwe talba li tiġi minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru, kwalunkwe informazzjoni pprovduta minn awtoritajiet, istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji kompetenti tal-Unjoni permezz ta' dispożizzjonijiet adottati fi ħdan il-qafas tat-Trattati u kwalunkwe informazzjoni miġbura mill-Eurojust stess;

(b) tiffaċilita l-eżekuzzjoni ta' talbiet għal kooperazzjoni ġudizzjarja u deċiżjonijiet dwarha, inklużi talbiet u deċiżjonijiet ibbażati fuq strumenti li jagħtu effett lill-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku.

3. Il-Eurojust għandha twettaq il-kompiti tagħha fuq it-talba tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-UPPE fil-limiti tal-kompetenza tal-UPPE.

▼B

*Artikolu 3*

**Kompetenza tal-Eurojust**

1. Il-Eurojust għandha tkun kompetenti fir-rigward tal-forom ta' kriminalità serja elenkati fl-Anness I. Madankollu, mid-data li fiha l-UPPE jassumi l-kompiti tiegħu ta' investigazzjoni u azzjoni kriminali f'konformità mal-Artikolu 120(2) tar-Regolament 2017/1939, il-Eurojust ma għandhiex teżerċita l-kompetenza tagħha fir-rigward ta' kriminalità li fir-rigward tagħha jeżerċita l-kompetenza tiegħu l-UPPE, ħlief f'dawk il-każijiet li fihom l-Istati Membri li ma jipparteċipawx f'kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-UPPE jkunu ukoll involuti u fuq it-talba ta' dawk l-Istati Membri jew fuq it-talba tal-UPPE.

2. Il-Eurojust għandha teżerċita l-kompetenza tagħha għal kriminalità li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni f'każijiet li jinvolvu l-Istati Membri li jipparteċipaw f'kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-UPPE iżda li għalihom l-UPPE mhuwiex kompetenti jew iddeċieda li ma jeżerċitax il-kompetenza tiegħu.

Il-Eurojust, l-UPPE u l-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkonsultaw u jikkooperaw ma' xulxin sabiex jiffaċilitaw l-eżerċizzju tal-kompetenza tal-Eurojust skont dan il-paragrafu. Id-dettalji prattiċi dwar l-eżerċizzju tal-kompetenza tagħha skont dan il-paragrafu għandhom jiġu regolati minn arranġament tax-xogħol kif imsemmi fl-Artikolu 47(3).

3. Fir-rigward ta' forom ta' kriminalità minbarra dawk elenkati fl-Anness I, il-Eurojust tista' wkoll, skont il-kompiti tagħha, tassisti fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet meta mitluba minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru.

4. Il-kompetenza tal-Eurojust għandha tkopri reati kriminali relatati mar-reati kriminali elenkati fl-Anness I. Il-kategoriji ta' reati li ġejjin għandhom jitqiesu bħala reati kriminali relatati:

(a) reati kriminali mwettqa biex jinkisbu l-mezzi sabiex jitwettqu r-reati kriminali serji elenkati fl-Anness I;

(b) reati kriminali mwettqa biex jiġu ffaċilitati jew jitwettqu r-reati kriminali serji elenkati fl-Anness I;

(c) reati kriminali mwettqa biex tiġi żgurata l-impunità ta' dawk li jwettqu r-reati kriminali serji elenkati fl-Anness I.

▼M2

5. Il-Eurojust tista' wkoll tassisti fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet li jaffettwaw biss Stat Membru u pajjiż terz jew Stat Membru u organizzazzjoni internazzjonali, dment li jkun ġie konkluż ftehim ta' kooperazzjoni jew arranġament li jistabbilixxi kooperazzjoni skont l-Artikolu 52 ma' dak il-pajjiż terz jew dik l-organizzazzjoni internazzjonali, jew dment li f'każ speċifiku jkun hemm interess essenzjali fl-għoti ta' tali assistenza.

Id-deċiżjoni dwar jekk l-Istati Membri jipprovdux assistenza ġudizzjarja lil pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali u kif jagħmlu dan għandha tibqa' eskluživament f'idejn l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat, soġġett għal-liġi nazzjonali applikabbli, il-liġi tal-Unjoni jew id-dritt internazzjonali.

▼B

6. Fuq it-talba ta' awtorità kompetenti ta' Stat Membru jew tal-Kummissjoni, il-Eurojust tista' tassisti f'investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet li jaffettwaw biss dak l-Istat Membru iżda li għandhom riperkussjonijiet fil-livell tal-Unjoni. Qabel ma taġixxi fuq talba tal-Kummissjoni, il-Eurojust għandha tikkonsulta mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat. Dik l-awtorità kompetenti tista', fl-iskadenza stabbilita mill-Eurojust, topponi l-esekuzzjoni tat-talba mill-Eurojust, fejn għandha tiġġustifika l-pożizzjoni tagħha f'kull każ.

*Artikolu 4*

**Funzjonijiet operazzjonali tal-Eurojust**

1. Il-Eurojust għandha:

(a) tinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri dwar l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet li ġiet mgħarrfa dwarhom li għandhom konsegwenzi fil-livell tal-Unjoni jew li jistgħu jaffettwaw lil Stati Membri oħra minbarra dawk direttament ikkonċernati;

(b) tassisti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-iżgurar tal-aħjar koordinazzjoni possibbli tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet;

(c) tassisti biex ittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, b'mod partikolari fuq il-bażi tal-analiżijiet tal-Europol;

(d) tikkoopera u tikkonsulta man-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fi kwistjonijiet kriminali, inkluż billi tagħmel użu mid-database tad-dokumenti u tikkontribwixxi għat-titjib tal-istess database tad-dokumenti tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew;

(e) tikkoopera mill-qrib mal-UPPE dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw il-kompetenza tagħha;

(f) tagħti appoġġ operazzjonali, tekniku u finanzjarju għall-operazzjonijiet u l-investigazzjonijiet transfruntieri tal-Istati Membri, inklużi għat-timijiet ta' investigazzjoni konġunta;

(g) tappoġġa ċ-ċentri tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat żviluppati mill-Europol u minn istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji oħrajn tal-Unjoni, u fejn ikun xieraq tipparteċipa fihom;

(h) tikkoopera ma' istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni, kif ukoll ma' netwerks stabbiliti fil-ispazju tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja regolati taħt it-Titolu V tat-TFUE;

(i) tappoġġa l-azzjoni tal-Istati Membri fil-ġlieda kontra forom ta' kriminalità serja elenkati fl-Anness I;

▼M1

(j) tappoġġa l-azzjoni tal-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità, id-delitti tal-gwerra u reati kriminali relatati, inkluż billi tippreserva, tanalizza u taħżen evidenza relatata ma' dawk ir-reati u r-reati kriminali relatati, u, tippermetti l-iskambju ta' tali evidenza ma', jew inkella tagħmilha direttament disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u awtoritajiet ġudizzjarji internazzjonali, b'mod partikolari l-Qorti Kriminali Internazzjonali.

▼B

2. Fit-twettiq tal-kompiti tagħha, il-Eurojust tista', filwaqt li tagħti r-raġunijiet tagħha, titlob li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati:

(a) jinvestigaw jew jieħdu passi kontra atti speċifiċi;

(b) jaċċettaw li waħda minnhom tista' tkun f'pożizzjoni aħjar biex twettaq investigazzjoni jew tieħu passi kontra atti speċifiċi;

(c) jikkoordinaw bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati;

(d) jistabbilixxu tim ta' investigazzjoni konġunta skont l-istrumenti ta' kooperazzjoni relevanti;

(e) jipprovduha bi kwalunkwe tagħrif li għandha bżonn biex twettaq il-kompiti tagħha;

(f) jieħdu miżuri investigattivi speċjali;

(g) jieħdu kwalunkwe miżura oħra ġġustifikata għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni.

3. Il-Eurojust tista' anki:

(a) tipprovdi lill-Europol b'opinjonijiet ibbażati fuq analiżijiet imwettqin mill-Europol;

(b) tipprovdi appoġġ loġistiku, inkluża traduzzjoni, interpretazzjoni u l-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' koordinazzjoni.

4. Fejn żewġ Stati Membri jew iktar ma jkunux jistgħu jaqblu dwar liema minnhom għandhom jagħmlu investigazzjoni jew jieħdu passi wara talba li tkun saret taħt il-punti (a) jew (b) tal-paragrafu 2, il-Eurojust għandha toħroġ opinjoni bil-miktub dwar il-każ. Il-Eurojust għandha tibagħat l-opinjoni lill-Istati Membri kkonċernati immedjatament.

5. Fuq talba ta' awtorità kompetenti jew fuq inizjattiva tagħha stess, il-Eurojust għandha toħroġ opinjoni bil-miktub dwar rifjuti rikorrenti jew diffikultajiet dwar l-eżekuzzjoni ta' talbiet għal, u deċiżjonijiet dwar, kooperazzjoni ġudizzjarja, inklużi talbiet u deċiżjonijiet ibbażati fuq l-istrumenti li jħaddmu l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, dment li ma jkunx possibbli li tali każijiet jiġu solvuti permezz ta' ftehim reċiproku bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew bl-involviment tal-membri nazzjonali kkonċernati. Il-Eurojust għandha tibagħat l-opinjoni lill-Istati Membri kkonċernati immedjatament.

6. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jirrispondu għat-talbiet mill-Eurojust fil-paragrafu 2 u għall-opinjonijiet bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 4 jew 5 mingħajr dewmien żejjed. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw li jikkonformaw ma' tali talbiet jew li jsegwu opinjoni bil-miktub fil-każ li jekk jikkonformaw, dan il-fatt jista' jkun ta' ħsara għall-interessi essenzjali tas-sigurtà nazzjonali, jipperikola s-suċċess ta' investigazzjoni li tkun għaddejja jew jipperikola s-sigurtà ta' individwu.

▼B

*Artikolu 5*

**L-eżerċitar ta' funzjonijiet operazzjonali u oħrajn**

1. Il-Eurojust għandha taġixxi permezz ta' wieħed jew iktar fost il-membri nazzjonali kkonċernati meta tieħu kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(1) jew (2). Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-Kulleġġ għandu jiffoka fuq kwistjonijiet operazzjonali u kwalunkwe kwistjoni oħra li hija direttament marbuta ma' kwistjonijiet operazzjonali. Il-Kulleġġ għandu jkun involut biss f'materji amministrattivi sal-punt meħtieġ biex ikun żgurat li l-funzjonijiet operazzjonali tiegħu jitwettqu.

2. Il-Eurojust għandha taġixxi bħala Kulleġġ:

(a) meta tieħu kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(1) jew (2):

(i) fuq talba ta' wieħed jew iktar minn fost il-membri nazzjonali kkonċernati b'każ indirizzat mill-Eurojust;

(ii) meta l-każ ikun jinvolvi investigazzjonijiet jew prosekuzzjonijiet li għandhom konsegwenzi fil-livell tal-Unjoni jew li jistgħu jaffettwaw Stati Membri oħrajn minbarra dawk direttament ikkonċernati;

(b) meta tieħu kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(3), (4) jew (5);

(c) fejn tkun involuta kwistjoni ġenerali dwar l-ilħuq tal-għanijiet operazzjonali tagħha;

(d) meta tadotta l-baġit annwali tal-Eurojust, f'liema każ id-deċiżjoni għandha tittieħed b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tagħha;

(e) meta tadotta d-dokument ta' programmazzjoni msemmi fl-Artikolu 15 jew ir-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Eurojust, f'liema każ id-deċiżjoni għandha tittieħed b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tagħha;

(f) meta teleġġi jew tkeċċi l-President u l-Viċi Presidenti skont l-Artikolu 11;

(g) meta taħtar id-Direttur Amministrattiv jew, fejn relevanti, testendi l-mandat tiegħu jew tkeċċih skont l-Artikolu 17;

(h) meta tadotta arranġamenti ta' ħidma skont l-Artikoli 47(3) u 52;

(i) meta tadotta regoli għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess fir-rigward tal-membri tagħha, inkluż b'rabta mad-dikjarazzjoni tal-interessi tagħhom;

(j) meta tadotta rapporti strateġiċi, dokumenti ta' politika, linji gwida għall-benefiċċju tal-awtoritajiet nazzjonali u opinjonijiet li jikkonċernaw il-ħidma operazzjonali tal-Eurojust, kull meta dawk id-dokumenti jkunu ta' natura strateġika.

(k) meta taħtar maġistrati ta' kollegament fis-sens tal-Artikolu 53;

▼B

(l) meta tieħu kwalunkwe deċiżjoni mhux attribwita espressament lill-Bord Eżekuttiv minn dan ir-Regolament jew li ma tkunx taħt ir-responsabbiltà tad-Direttur Amministrattiv f'konformità mal-Artikolu 18;

(m) meta jkun stipulat b'xi mod ieħor f'dan ir-Regolament.

3. Meta twettaq il-kompiti tagħha, il-Eurojust għandha tindika jekk hijiex qed taġixxi permezz ta' wieħed jew iktar minn fost il-membri nazzjonali tagħha jew inkella bħala Kulleġġ.

4. Il-Kulleġġ jista' jassenja kompiti amministrattivi addizzjonali lid-Direttur Amministrattiv u lill-Bord Eżekuttiv barra dawk previsti fl-Artikoli 16 u 18, skont il-ħtiġijiet operazzjonali tiegħu.

Fejn ċirkustanzi eċċezzjonali jkunu jeħtieġu dan, il-Kulleġġ jista' jiddeċiedi li jissospendi b'mod temporanju d-delega tas-setgħat tal-awtorità tal-ħatra lid-Direttur Amministrattiv u ta' dawk is-setgħat li kienu ġew sottodelegati minn dan tal-aħħar, u li jeżerċitahom hu stess jew li jiddelegahom lil wieħed mill-membri tiegħu jew lil membru tal-persunal li mhuwiex id-Direttur Amministrattiv.

5. Il-Kulleġġ għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tal-Eurojust fuq il-bażi ta' maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu. F'każ li ma jkunx jista' jintlaħaq qbil b'maġġoranza ta' żewġ terzi, id-deċiżjoni għandha tittieħed b'maġġoranza sempliċi. Ir-regoli ta' proċedura tal-Eurojust għandhom jiġu approvati mill-Kunsill permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

## KAPITOLU II

## STRUTTURA U ORGANIZZAZZJONI TAL-EUROJUST

### *TAQSIMA I*

### ***Struttura***

#### *Artikolu 6*

#### **Struttura tal-Eurojust**

Il-Eurojust għandha tinkonsisti minn:

(a) il-membri nazzjonali;

(b) il-Kulleġġ;

(c) il-Bord Eżekuttiv;

(d) id-Direttur Amministrattiv.

### *TAQSIMA II*

### ***Membri Nazzjonali***

#### *Artikolu 7*

#### **Status tal-membri nazzjonali**

1. Il-Eurojust għandu jkollha membru nazzjonali wieħed sekondat minn kull Stat Membru skont is-sistema legali tiegħu. Dak il-membru nazzjonali għandu jkollu l-post tax-xogħol regolari tiegħu fis-sede tal-Eurojust.

▼B

2. Kull membru nazzjonali għandu jkun assistit minn deputat wieħed u minn Assistent wieħed. Bħala prinċipju, id-deputat u l-Assistent għandhom ikollhom il-post regolari tax-xogħol tagħhom fis-sede tal-Eurojust. Kull Stat Membru jista' jiddeċiedi li d-deputat jew l-Assistent, jew it-tnejn li huma, ikollhom il-post regolari tax-xogħol tagħhom fl-Istat Membru tagħhom. Jekk Stat Membru jieħu tali deċiżjoni, huwa għandu jinnotifika lill-Kulleġġ. Jekk il-ħtiġijiet operazzjonali tal-Eurojust jirrikjedu dan, il-Kulleġġ jista' jitlob lill-Istat Membru biex jassenja lid-deputat jew lill-Assistent, jew it-tnejn li huma, biex jaħdmu fis-sede tal-Eurojust għal perijodu speċifiku. L-Istat Membru għandu jikkonforma ma' tali talba mill-Kulleġġ mingħajr dewmien bla bżonn.

3. Iktar deputati jew Assistenti jistgħu jassistu lill-membru nazzjonali u, jekk ikun hemm bżonn u bil-qbil tal-Kulleġġ, jista' jkollhom il-post regolari tax-xogħol tagħhom fil-Eurojust. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Eurojust u lill-Kummissjoni bil-ħatra tal-membri, id-deputati u l-Assistenti nazzjonali.

4. Il-membri nazzjonali u d-deputati għandu jkollhom l-istatus ta' prosekutur, imħallef jew rappreżentant ta' awtorità ġudizzjarja b'kompetenzi ekwivalenti għal dawk ta' prosekutur jew imħallef taħt il-liġi nazzjonali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jagħtuhom tal-anqas is-setgħat imsemmija f'dan ir-Regolament biex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom.

5. It-termini tal-mandat tal-membri nazzjonali u d-deputati tagħhom għandu jkun ta' ħames snin, li jista' jiġġedded darba. F'każijiet fejn deputat ma jistax jaġixxi f'isem ta' membru nazzjonali jew ma jistax jissostitwixxi l-membru nazzjonali, il-membru nazzjonali għandu jibqa' fil-kariga mal-iskadenza tal-mandat tiegħu sat-tiġdid tat-terminu tiegħu jew sas-sostituzzjoni tiegħu, suġġett għall-kunsens tal-Istat Membru tagħhom.

6. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-membri nazzjonali u d-deputati fuq il-bażi ta' prova ta' esperjenza prattika relevanti ta' livell għoli fil-qasam tal-ġustizzja kriminali.

7. Id-deputat għandu jkun jista' jaġixxi f'isem il-membru nazzjonali jew jissostitwih. Anki Assistent jista' jaġixxi f'isem il-membru nazzjonali jew jissostitwih jekk ikollu status imsemmi fil-paragrafu 4.

8. L-iskambju ta' tagħrif operazzjonali bejn il-Eurojust u l-Istati Membri għandu jseħħ permezz tal-membri nazzjonali.

9. Is-salarji u l-emolumenti tal-membri nazzjonali, tad-deputati u tal-Assistenti għandhom jiġġarrbu mill-Istat Membru tagħhom mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 12.

10. Fejn il-membri nazzjonali, id-deputati u l-Assistenti jaġixxu fi ħdan il-qafas tal-kompiti tal-Eurojust, in-nefqa relevanti relatata ma' dawk l-attivitajiet għandha titqies bħala nefqa operazzjonali.

*Artikolu 8*

**Setgħat tal-membri nazzjonali**

1. Il-membri nazzjonali għandu jkollhom is-setgħa li:

(a) jiffaċilitaw jew jappoġġaw b'xi mod ieħor il-ħruġ jew l-eżekuzzjoni ta' kwalunkwe talba ta' assistenza legali reċiproka jew rikonoxximent reċiproku;

▼B

(b) jikkuntattjaw direttament u jiskambjaw tagħrif ma' kwalunkwe awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru jew kwalunkwe korp, uffiċċju jew aġenzija kompetenti oħra, inkluż l-UPPE;

(c) jikkuntattjaw direttament u jiskambjaw tagħrif ma' kwalunkwe awtorità internazzjonali kompetenti, f'konformità mal-impenji internazzjonali tal-Istat Membru tagħhom;

(d) jieħdu sehem f'timijiet ta' investigazzjoni konġunta inkluż fl-istabbiliment tagħhom.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jagħtu setgħat addizzjonali lill-membri nazzjonali f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom. Dawk l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Kulleġġ b'dawn is-setgħat.

3. Bi qbil mal-awtorità nazzjonali kompetenti, il-membri nazzjonali jistgħu, f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom:

(a) joħorġu jew jesegwixxu kwalunkwe talba għal assistenza legali reċiproka jew rikonoxximent reċiproku;

(b) jordnaw, jitolbu jew jeżegwixxu miżuri investigattivi, kif previst fid-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

4. F'każijiet urġenti fejn ma jkunx possibbli li tiġi identifikata jew ikkuntattjata l-awtorità nazzjonali kompetenti f'ħin xieraq, membri nazzjonali għandhom ikunu kompetenti biex jieħdu l-miżuri msemmija fil-paragrafu 3 f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, dment li huma jinfurmaw lill-awtorità nazzjonali kompetenti malajr kemm jista' jkun.

5. Il-membru nazzjonali jista' jippreżenta proposta lill-awtorità nazzjonali kompetenti biex twettaq il-miżuri msemmija fil-paragrafi 3 u 4 fejn l-eżerċizzju tas-setgħat imsemmija fil-paragrafi 3 u 4 minn dak il-membru nazzjonali jmur kontra:

(a) ir-regoli kostituzzjonali ta' Stat Membru; jew

(b) aspetti fundamentali tas-sistema nazzjonali tal-ġustizzja kriminali ta' dak l-Istat Membru fir-rigward ta':

(i) it-tqassim tas-setgħat bejn il-pulizija, il-prosekuturi u l-imħallfin;

(ii) it-tqassim funzjonali tal-kompiti bejn l-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni; jew

(iii) l-istruttura federali tal-Istat Membru kkonċernat.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 5, il-proposta ppreżentata mill-membru nazzjonali tagħhom tkun ittrattata mingħajr dewmien żejjed mill-awtorità kompetenti nazzjonali.

([1]) Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali (ĠU L 130, 1.5.2014, p. 1).

▼B

*Artikolu 9*

**Aċċess għar-reġistri nazzjonali**

F'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, il-membri nazzjonali għandu jkollhom aċċess għal dawn it-tipi ta' reġistri li ġejjin tal-Istat Membru tagħhom, jew tal-inqas għandhom ikunu jistgħu jiksbu t-tagħrif meħtieġ li jinsab fihom:

(a) kondotti;

(b) reġistri ta' persuni arrestati;

(c) reġistri tal-investigazzjonijiet;

(d) reġistri tad-DNA;

(e) reġistri oħrajn tal-awtoritajiet pubbliċi tal-Istat Membru tagħhom meta jkollhom bżonn tali tagħrif biex iwettqu l-kompiti tagħhom.

*TAQSIMA III*

***Il-Kulleġġ***

*Artikolu 10*

**Kompożizzjoni tal-Kulleġġ**

1. Il-Kulleġġ għandu jkun kompost:

(a) mill-membri nazzjonali kollha; u

(b) minn rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni meta l-Kulleġġ jeżerċita l-funzjonijiet maniġerjali tiegħu.

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni maħtur skont il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu għandu jkun l-istess persuna bħala r-rappreżentant tal-Kummissjoni fil-Bord Eżekuttiv taħt l-Artikolu 16(4).

2. Id-Direttur Amministrattiv għandu jattendi l-laqgħat maniġerjali tal-Kulleġġ, bla dritt ta' vot.

3. Il-Kulleġġ jista' jistieden lil kwalunkwe persuna li l-opinjoni tagħha tista' tkun ta' interess sabiex tattendi l-laqgħat tiegħu bħala osservatur.

4. Il-membri tal-Kulleġġ jistgħu, suġġett għad-dispożizzjonijiet tar-regoli tal-proċedura tal-Eurojust, ikunu assistiti minn konsulenti u esperti.

*Artikolu 11*

**President u Viċi President tal-Eurojust**

1. Il-Kulleġġ għandu jtella' President u żewġ Viċi Presidenti minn fost il-membri nazzjonali permezz ta' maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu. F'każ li ma tistax tintlaħaq maġġoranza ta' żewġ terzi wara t-tieni rawnd tal-elezzjoni, il-Viċi Presidenti għandhom jiġu eletti b'maġġoranza sempliċi tal-membri tal-Kulleġġ, filwaqt li maġġoranza ta' żewġ terzi għandha tibqa' tenħtieġ għall-elezzjoni tal-President.

2. Il-President għandu jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu f'isem il-Kulleġġ. Il-President għandu:

▼B

(a) jirrappreżenta lill-Eurojust;

(b) isejjaħ u jippresjedi l-laqgħat tal-Kulleġġ u l-Bord Eżekuttiv u jżomm lill-Kulleġġ infurmat dwar kwalunkwe kwistjoni li hija ta' interess għalih;

(c) jidderieġi l-ħidma tal-Kulleġġ u jimmonitorja l-ġestjoni ta' kuljum tal-Eurojust mid-Direttur Amministrattiv;

(d) jeżerċita kwalunkwe funzjoni oħra stabbilita fir-regoli ta' proċedura tal-Eurojust.

3. Il-Viċi Presidenti għandhom jeżerċitaw il-funzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 li l-President jafdalhom. Huma għandhom jieħdu post il-President jekk ma jkunx jista' jaqdi dmirijietu. Il-President u l-Viċi Presidenti għandhom jiġu assistiti fit-twettiq tad-dmirijiet speċifiċi tagħhom mill-persunal amministrattiv tal-Eurojust.

4. Il-mandat tal-President u l-Viċi Presidenti għandu jkun ta' erba' snin. Jistgħu jerġgħu jittellgħu darba.

5. Meta membru nazzjonali jkun elett President jew Viċi President tal-Eurojust, il-mandat tiegħu għandu jiġi estiż biex jiġi żgurat li jkun jista' jwettaq il-funzjoni tiegħu bħala President jew Viċi President.

6. Jekk il-President jew il-Viċi-President ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-qadi ta' dmirijietu, hu jista' jitneħħa mill-kariga mill-Kulleġġ li jaġixxi fuq proposta ta' terz mill-membri tiegħu. Din id-deċiżjoni għandha tiġi adottata abbażi ta' maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tal-Kulleġġ, bl-esklużjoni tal-President jew il-Viċi President ikkonċernat.

7. Meta membru nazzjonali jiġi elett President tal-Eurojust, l-Istat Membru kkonċernat jista' jissekonda persuna oħra kwalifikata kif xieraq biex tirrinforza l-uffiċċju nazzjonali għad-durata tal-mandat, bħala President, tal-membru nazzjonali tal-ewwel.

Stat Membru li jiddeċiedi li jissekonda tali persuna jista' jiġi intitolat għall-kumpens f'konformità mal-Artikolu 12.

*Artikolu 12*

**Mekkaniżmu ta' kumpens għall-elezzjoni għall-pożizzjoni ta' President**

1. Sat-12 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill għandu, filwaqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni u permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, jiddetermina mekkaniżmu ta' kumpens, għall-fini tal-Artikolu 11(7), li għandu jkun disponibbli għall-Istati Membri li l-membru nazzjonali tagħhom jkun ġie elett President.

2. Il-kumpens għandu jkun disponibbli għal kwalunkwe Stat Membru jekk:

(a) il-membru nazzjonali tiegħu jkun ġie elett bħala President; u

(b) huwa jitlob kumpens mill-Kulleġġ u jipprovdi ġustifikazzjoni għall-ħtieġa li jirrinfurzaw l-uffiċċju nazzjonali tiegħu minħabba żieda fl-ammont ta' xogħol.

▼B

3. Il-kumpens mogħti għandu jkun ekwivalenti għal 50 % tas-salarju nazzjonali tal-persuna sekondata. Il-kumpens għall-ispejjeż għall-għajxien u spejjeż oħra assoċjati għandhom jiġu pprovduti fuq bażi komparabbli għal dak ipprovdut lill-uffiċjali tal-Unjoni jew uffiċjali oħrajn sekondati barra pajjiżhom.

4. L-ispejjeż tal-mekkaniżmu ta' kumpens għandhom jitħallsu mill-Eurojust.

*Artikolu 13*

**Laqgħat tal-Kulleġġ**

1. Il-President għandu jorganizza l-laqgħat tal-Kulleġġ.

2. Il-Kulleġġ għandu jorganizza tal-inqas laqgħa waħda fix-xahar. Barra minn hekk, għandu jiltaqa' fuq l-inizjattiva tal-President, fuq it-talba tal-Kummissjoni biex jiddiskuti l-kompiti amministrattivi tal-Kulleġġ, jew fuq it-talba ta' mill-inqas terz tal-membri tiegħu.

3. Il-Eurojust għandha tibgħat lill-UPPE l-aġenda tal-laqgħat tal-Kulleġġ kull meta jkunu mitħaddta kwistjonijiet li jkunu ta' relevanza għall-qadi tad-dmirijiet tal-UPPE. Il-Eurojust għandha tistieden lill-UPPE biex jieħu sehem fit-tali laqgħat, bla dritt ta' vot.

Meta l-UPPE tiġi mistiedna għal laqgħa tal-Kulleġġ, il-Eurojust għandha tipprovdilu d-dokumenti relevanti li fuqhom tkun ibbażata l-aġenda.

*Artikolu 14*

**Regoli dwar il-voti tal-Kulleġġ**

1. Sakemm ma jiġix stipulat mod ieħor, u meta ma jkunx jista' jintlaħaq kunsens, il-Kulleġġ għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu permezz ta' maġġoranza tal-membri tiegħu.

2. Kull membru għandu jkollu vot wieħed. Fin-nuqqas ta' membru li jivvota, id-deputat għandu jkun intitolat li jeżerċita d-dritt tal-vot suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(7). Fin-nuqqas ta' deputat, l-Assistent għandu jkun ukoll intitolat li jeżerċita d-dritt tal-vot suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(7).

*Artikolu 15*

**Programmazzjoni annwali u pluriennali**

1. Sat-30 ta' Novembru ta' kull sena, il-Kulleġġ għandu jadotta dokument ta' programmazzjoni li fih programmazzjoni annwali u pluriennali, ibbażat fuq abbozz ippreparat mid-Direttur Amministrattiv, li jieħu f'kunsiderazzjoni l-opinjoni tal-Kummissjoni. Il-Kulleġġ għandu jgħaddi d-dokument ta' programmazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-UPPE. Id-dokument ta' programmazzjoni għandu jsir definittiv wara l-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali tal-Unjoni u dan għandu jiġi aġġustat kif xieraq, jekk ikun hemm bżonn.

▼B

2. Il-programm ta' ħidma annwali għandu jinvolvi għanijiet dettaljati u riżultati mistennija inklużi indikaturi tal-prestazzjoni. Għandu jkun fih ukoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati u indikazzjoni tar-riżorsi finanzjarji u umani allokati għal kull azzjoni, f'konformità mal-prinċipji ta' bbaġitjar u mmaniġġjar ibbażati fuq l-attività. Il-programm ta' ħidma annwali għandu jkun koerenti mal-programm ta' ħidma pluriennali msemmija fil-paragrafu 4. Għandu jindika biċ-ċar liema kompiti żdiedu, inbidlu jew tħassru meta mqabblin mas-sena finanzjarja ta' qabel.

3. Il-Kulleġġ għandu jemenda l-programm ta' ħidma annwali adottat meta jingħata kompitu ġdid lill-Eurojust. Kwalunkwe emenda sostanzjali fil-programm ta' ħidma annwali għandha tiġi adottata bl-istess proċedura bħall-programm ta' ħidma annwali inizjali. Il-Kulleġġ jista' jiddelega lid-Direttur Amministrattiv is-setgħa li jagħmel emendi mhux sostanzjali fil-programm ta' ħidma annwali.

4. Il-programm ta' ħidma pluriennali għandu jistabbilixxi programmazzjoni strateġika ġenerali inklużi għanijiet, l-istrateġija għall-kooperazzjoni mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali msemmija fl-Artikolu 52, riżultati mistennija u indikaturi tal-prestazzjoni. Għandu jistabbilixxi anki l-programmazzjoni tar-riżorsi inklużi l-baġit pluriennali u l-persunal. Il-programmazzjoni tar-riżorsi għandha tiġi aġġornata kull sena. Il-programmazzjoni strateġika għandha tiġi aġġornata meta jkun hemm bżonn, u b'mod partikolari biex tindirizza l-eżitu tal-evalwazzjoni msemmija fl-Artikolu 69.

*TAQSIMA IV*

***Il-Bord Eżekuttiv***

*Artikolu 16*

**Funzjonament tal-Bord Eżekuttiv**

1. Il-Kulleġġ għandu jkun assistit minn Bord Eżekuttiv. Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet amministrattivi biex jiżgura l-funzjonament operazzjonali tal-Eurojust. Huwa għandu jissorvelja l-ħidma preparatorja meħtieġa tad-Direttur Amministrattiv dwar kwistjonijiet amministrattivi oħra għall-adozzjoni mill-Kulleġġ. Ma għandux ikun involut fil-funzjonijiet operazzjonali tal-Eurojust imsemmija fl-Artikoli 4 u 5.

2. Il-Bord Eżekuttiv jista' jikkonsulta lill-Kulleġġ meta jwettaq il-kompiti tiegħu.

3. Barra minn hekk, il-Bord Eżekuttiv għandu:

(a) jirrieżamina d-dokument ta' programmazzjoni, imsemmi fl-Artikolu 15, tal-Eurojust abbażi tal-abbozz imħejji mid-Direttur Amministrattiv u jgħaddihom lill-Kulleġġ għall-adozzjoni;

(b) jadotta strateġija kontra l-frodi għall-Eurojust, proporzjonata għar-riskji ta' frodi, b'kont meħud tal-ispejjeż u tal-benefiċċji tal-miżuri li għandhom jiġu implimentati u fuq il-bażi ta' abbozz ippreparat mid-Direttur Amministrattiv;

▼B

(c) jadotta regoli ta' implimentazzjoni xierqa li jwasslu għar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (ir-"Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali") u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea ("Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti Oħra"), stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ([1]) f'konformità mal-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali;

(d) jiżgura segwitu adegwat għall-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet derivanti mir-rapporti interni jew esterni tal-awditjar, l-evalwazzjonijiet u l-investigazzjonijiet, inklużi dawk tal-KEPD u l-OLAF;

(e) jieħu d-deċiżjonijiet kollha dwar l-istabbiliment u, fejn ikun hemm bżonn, il-modifika tal-istrutturi amministrattivi interni tal-Eurojust;

(f) mingħajr preġudizzju għar-responsabilitajiet tad-Direttur Amministrattiv stipulati fl-Artikolu 18, jassistih u jagħtih pariri dwar l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kulleġġ, bil-għan li tissaħħaħ is-superviżjoni tal-ġestjoni amministrattiva u baġitarja;

(g) iwettaq kwalunkwe kompitu amministrattiv addizzjonali assenjat lilu mill-Kulleġġ fis-sens tal-Artikolu 5(4);

(h) jadotta r-regoli finanzjarji applikabbli għall-Eurojust f'konformità mal-Artikolu 64;

(i) jadotta, f'konformità mal-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali, deċiżjoni bbażata fuq l-Artikolu 2(1) tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u fuq l-Artikolu 6 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti Oħra li tiddelega s-setgħat relevanti tal-awtorità tal-ħatra lid-Direttur Amministrattiv u tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li fihom tista' tiġi sospiża din id-delega tas-setgħat; id-Direttur Amministrattiv għandu jkun awtorizzat jissottodelega dawk is-setgħat;

(j) jirrieżamina l-abbozz tal-baġit annwali tal-Eurojust għall-adozzjoni mill-Kulleġġ;

(k) jirrieżamina l-abbozz tarrapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Eurojust u jgħaddih lill-Kulleġġ għall-adozzjoni.

(l) jaħtar uffiċjal tal-kontabilità u Uffiċjali tal-Protezzjoni tad-Data li huma funzjonalment indipendenti fil-qadi ta' dmirijiethom.

4. Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun kompost mill-President u l-Viċi Presidenti tal-Eurojust, rappreżentant tal-Kummissjoni u żewġ membri oħra tal-Kulleġġ nominati fuq sistema ta' rotazzjoni ta' sentejn f'konformità mar-regoli ta' proċedura tal-Eurojust. Id-Direttur Amministrattiv għandu jattendi l-laqgħat tal-Bord Eżekuttiv mingħajr id-dritt ta' vot.

5. Il-President tal-Eurojust għandu jkun il-president tal-Bord Eżekuttiv. Il-Bord Eżekuttiv għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'maġġoranza tal-membri tiegħu. Kull membru għandu jkollu vot wieħed. Jekk il-voti jirriżultaw indaqs, il-President tal-Eurojust għandu jkollu vot deċiżiv.

6. Il-mandat tal-membri tal-Bord Eżekuttiv għandu jintemm meta jintemm il-mandat tagħhom bħala membri nazzjonali, President jew Viċi President.

([1]) ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.

▼B

7. Il-Bord Eżekuttiv għandu jiltaqa' tal-inqas darba fix-xahar. Barra minn hekk, għandu jiltaqa' fuq l-inizjattiva tal-president tiegħu jew fuq it-talba tal-Kummissjoni jew tal-inqas tnejn mill-membri l-oħra tiegħu.

8. Il-Eurojust għandha tibgħat lill-UPPE l-aġenda tal-laqgħat tal-Bord Eżekuttiv u tikkonsulta lill-UPPE dwar il-ħtieġa ta' parteċipazzjoni f'dawn il-laqgħat. Il-Eurojust għandha tistieden lill-UPPE biex jipparteċipa, mingħajr id-dritt ta' vot, kull meta jkunu miħaddta kwistjonijiet li huma ta' rilevanza għall-funzjonament tal-UPPE.

Meta l-UPPE jkun mistieden għal laqgħa tal-Bord Eżekuttiv, il-Eurojust għandha tipprovdilu d-dokumenti li fuqhom tkun ibbażata l-aġenda.

*TAQSIMA V*

***Direttur Amministrattiv***

*Artikolu 17*

**Status tad-Direttur Amministrattiv**

1. Id-Direttur Amministrattiv għandu jinħatar bħala aġent temporanju tal-Eurojust skont il-punt (a) tal-Artikolu 2 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti Oħra.

2. Id-Direttur Amministrattiv għandu jinħatar mill-Kulleġġ minn lista ta' kandidati proposti mill-Bord Eżekuttiv, wara proċedura tal-għażla miftuħa u trasparenti f'konformità mar-regoli ta' proċedura tal-Eurojust. Għall-fini ta' konklużjoni tal-kuntratt tal-impjieg mad-Direttur Amministrattiv, il-Eurojust għandha tkun rappreżentata mill-President tal-Eurojust.

3. Il-mandat tad-Direttur Amministrattiv għandu jkun ta' erba' snin. Sa tmiem dak il-perjodu, il-Bord Eżekuttiv għandu jwettaq valutazzjoni li tieħu inkunsiderazzjoni evalwazzjoni tal-prestazzjoni tad-Direttur Amministrattiv.

4. Il-Kulleġġ, filwaqt li jaġixxi fuq proposta mill-Bord Eżekuttiv li tieħu inkunsiderazzjoni l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, jista' jestendi l-mandat tad-Direttur Amministrattiv għal darba u għal mhux iktar minn erba' snin.

5. Direttur Amministrattiv b'mandat li ġie estiż ma għandux jieħu sehem fi proċedura tal-għażla oħra għall-istess kariga fi tmiem il-perjodu sħiħ.

6. Id-Direttur Amministrattiv għandu jkun responsabbli quddiem il-Kulleġġ.

7. Id-Direttur Amministrattiv jista' jitneħħa mill-kariga biss wara deċiżjoni tal-Kulleġġ li jaġixxi fuq proposta mill-Bord Eżekuttiv.

*Artikolu 18*

**Responsabilitajiet tad-Direttur Amministrattiv**

1. Għal skopijiet amministrattivi, il-Eurojust għandha titmexxa mid-Direttur Amministrattiv tagħha.

2. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kulleġġ jew għall-Bord Eżekuttiv, id-Direttur Amministrattiv għandu jkun indipendenti fit-twettiq tal-kompiti tiegħu u la għandu jfittex u lanqas jieħu struzzjonijiet minn kwalunkwe gvern jew kwalunkwe korp ieħor.

▼B

3. Id-Direttur Amministrattiv għandu jkun ir-rappreżentant legali tal-Eurojust.

4. Id-Direttur Amministrattiv għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-kompiti amministrattivi assenjati lill-Eurojust, b'mod partikolari:

(a) għall-amministrazzjoni ta' kuljum tal-Eurojust u l-ġestjoni tal-persunal;

(b) għall-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet adottati mill-Kulleġġ u l-Bord Eżekuttiv;

(c) għat-tħejjija tad-dokument ta' programmazzjoni msemmi fl-Artikolu 15 u l-preżentazzjoni tiegħu lill-Bord Eżekuttiv għarrieżami;

(d) għall-implimentazzjoni tad-dokument ta' programmazzjoni msemmi fl-Artikolu 15 u r-rapportar lill-Bord Eżekuttiv u lill-Kulleġġ dwar l-implimentazzjoni tiegħu;

(e) għat-tħejjija tar-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Eurojust u l-preżentazzjoni tiegħu lill-Bord Eżekuttiv biex jirrieżaminah u lill-Kulleġġ biex jadottah;

(f) għat-tħejjija ta' pjan ta' azzjoni li jagħti segwitu għall-konklużjonijiet ta' rapporti tal-awditjar intern jew estern, l-evalwazzjonijiet u l-investigazzjonijiet, inklużi dawk tal-KEPD u l-OLAF u r-rapportar dwar il-progress darbtejn fis-sena lill-Kulleġġ, lill-Bord Eżekuttiv, lill-Kummissjoni u lill-KEPD;

(g) għat-tħejjija ta' strateġija kontra l-frodi għall-Eurojust u l-preżentazzjoni tagħha lill-Bord Eżekuttiv biex jadottaha;

(h) għat-tħejjija tal-abbozz tar-regoli finanzjarji applikabbli għall-Eurojust;

(i) għat-tħejjija tal-abbozz tad-dikjarazzjoni tal-istimi ta' dħul u nefqa tal-Eurojust u l-implimentazzjoni tal-baġit tagħha;

(j) għall-eżerċitar, fir-rigward tal-persunal tal-Eurojust, tas-setgħat mogħtija mir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali fuq l-awtorità tal-ħatra u mill-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti Oħra fuq l-awtorità mogħtija s-setgħa sabiex tikkonkludi kuntratti tal-impjieg ta' aġenti oħra ("is-setgħat tal-awtorità tal-ħatra");

(k) għall-iżgurar tal-għoti tal-appoġġ amministrattiv meħtieġ biex tiġi ffaċilitata l-ħidma operazzjonali tal-Eurojust;

(l) għall-iżgurar tal-għoti tal-appoġġ lill-President u lill-Viċi Presidenti hekk kif jaqdu d-dmirijiet tagħhom.

(m) għat-tħejjija ta' abbozz ta' proposta għall-baġit annwali tal-Eurojust, li għandu jiġi rieżaminat mill-Bord Eżekuttiv qabel l-adozzjoni mill-Kulleġġ.

▼B

KAPITOLU III

**KWISTJONIJIET OPERAZZJONALI**

*Artikolu 19*

**Mekkaniżmu għall-koordinazzjoni attiva**

1. Biex twettaq il-kompiti tagħha f'każijiet urġenti, il-Eurojust għandha topera mekkaniżmu għall-koordinazzjoni attiva ("OCC", on-call coordination) li jkun kapaċi jirċievi u jipproċessa f'kull ħin it-talbiet riferiti lilu. L-OCC għandu jkun jista' jiġi kkuntattjat 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa.

2. L-OCC għandu jaħdem b'rappreżentant wieħed tal-OCC għal kull Stat Membru li jista' jkun jew il-membru nazzjonali, id-deputat tiegħu, Assistent intitolat jieħu post il-membru nazzjonali, jew espert nazzjonali sekondat. Ir-rappreżentant tal-OCC għandu jkun disponibbli sabiex jaġixxi 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa.

3. Ir-rappreżentanti tal-OCC għandhom jaġixxu b'effiċjenza u bla dewmien fir-rigward tal-eżekuzzjoni ta' talba fl-Istat Membru tagħhom.

*Artikolu 20*

**Sistema ta' koordinazzjoni nazzjonali tal-Eurojust**

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar korrispondent nazzjonali wieħed jew iktar għall-Eurojust.

2. Il-korrispondenti nazzjonali kollha maħtura mill-Istati Membri fis-sens tal-paragrafu 1, għandu jkollhom il-ħiliet u l-esperjenza meħtieġa biex iwettqu dmirijiethom.

▼M2

2a. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità nazzjonali kompetenti bħala korrispondent nazzjonali tal-Eurojust għal kwistjonijiet ta' terroriżmu. Dak il-korrispondent nazzjonali għal kwistjonijiet ta' terroriżmu għandu jkun awtorità ġudizzjarja jew awtorità kompetenti oħra. Għandu jkun possibbli li Stat Membru jaħtar aktar minn awtorità nazzjonali kompetenti waħda bħala korrispondent nazzjonali tal-Eurojust għal kwistjonijiet ta' terroriżmu, meta s-sistema legali nazzjonali tirrikjedi dan. Il-korrispondent nazzjonali għal kwistjonijiet ta' terroriżmu għandu jkollu aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha skont l-Artikolu 21a(1). Għandu jkollu l-kompetenza biex jiġbor dik l-informazzjoni u jibgħatha lill-Eurojust, f'konformità mal-liġi nazzjonali u l-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari l-liġi kriminali proċedurali u r-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data.

▼B

3. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi Sistema ta' Koordinazzjoni Nazzjonali tal-Eurojust biex jiżgura l-koordinazzjoni tal-ħidma mwettqa:

(a) mill-korrispondenti nazzjonali għall-Eurojust;

(b) minn kwalunkwe korrispondent nazzjonali għal kwistjonijiet relatati mal-kompetenza tal-UPPE;

▼B

(c) mill-korrispondent nazzjonali għall-Eurojust għal kwistjonijiet relatati mat-terroriżmu;

(d) mill-korrispondent nazzjonali għan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fi kwistjonijiet kriminali u sa tliet punti ta' kuntatt oħra tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew;

(e) mill-membri nazzjonali jew il-punti ta' kuntatt tan-Netwerk għal timijiet ta' investigazzjoni konġunta, u mill-membri nazzjonali jew il-punti ta' kuntatt tan-netwerks stabbiliti mid-Deċiżjonijiet 2002/494/ĠAI, 2007/845/ĠAI u 2008/852/ĠAI.

(f) fejn applikabbli, minn kwalunkwe awtorità ġudizzjarja relevanti oħra.

4. Il-persuni msemmija fil-paragrafi 1 u 3 għandhom iżommu l-kariga u l-istatus tagħhom taħt il-liġi nazzjonali, u dan mingħajr ma jkollu impatt sinifikanti fuq il-qadi ta' dmirijiethom taħt dan ir-Regolament.

5. Il-korrispondenti nazzjonali għall-Eurojust għandhom ikunu responsabbli għat-tħaddim tas-sistema ta' koordinazzjoni nazzjonali tal-Eurojust tagħhom. Fejn jiġu maħtura bosta korrispondenti għall-Eurojust, wieħed minnhom għandu jkun responsabbli għat-tħaddim tas-sistema ta' koordinazzjoni nazzjonali tal-Eurojust tagħhom.

6. Il-membri nazzjonali għandhom jiġu infurmati dwar il-laqgħat kollha tas-sistema tagħhom ta' koordinazzjoni nazzjonali tal-Eurojust fejn jiġu diskussi kwistjonijiet relatati mal-każistika. Il-membri nazzjonali jistgħu' jattendu tali laqgħat jekk hemm lok għal dan.

7. Kull sistema ta' koordinazzjoni nazzjonali tal-Eurojust għandha tiffaċilita t-twettiq tal-kompiti tal-Eurojust fi ħdan l-Istat Membru kkonċernat, b'mod partikolari billi:

(a) tiżgura li s-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet imsemmija fl-Artikolu 23 tirċievi tagħrif relatat mal-Istat Membru kkonċernat b'mod effiċjenti u affidabbli;

(b) tassisti fid-determinazzjoni ta' jekk talba għandhiex tiġi ttrattata bl-assistenza tal-Eurojust jew tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew;

(c) tassisti lill-membru nazzjonali fl-identifikazzjoni tal-awtoritajiet relevanti għall-eżekuzzjoni ta' talbiet għall-kooperazzjoni ġudizzjarja u deċiżjonijiet dwarha, inklużi talbiet u deċiżjonijiet li huma bbażati fuq strumenti li jħaddmu l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku;

(d) iżżomm relazzjonijiet mill-qrib mal-unità nazzjonali tal-Europol, punti ta' kuntatt oħra tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew u awtoritajiet nazzjonali kompetenti relevanti oħra.

▼M2

8. Biex jilħqu l-għanijiet imsemmija fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, il-persuni msemmija fil-paragrafu 3, il-punti (a), (b) u (c), ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu konnessi mas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet f'konformità ma' dan l-Artikolu u mal-Artikoli 23, 24, 25 u 34. L-ispiża tal-konnessjoni mas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet għandha titħallas mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

▼B

9. L-istabbiliment tas-sistema ta' koordinazzjoni nazzjonali tal-Eurojust u n-nomina tal-korrispondenti nazzjonali ma għandhomx jipprevjenu kuntatti diretti bejn il-membru nazzjonali u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tiegħu.

*Artikolu 21*

**Skambji ta' informazzjoni mal-Istati Membri u bejn membri nazzjonali**

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jiskambjaw mal-Eurojust kull tagħrif meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tagħha f'konformità mal-Artikoli 2 u 4 skont ir-regoli applikabbli fil-qasam tal-protezzjoni ta' data. Tal-inqas, dan għandu jinkludi t-tagħrif imsemmi fil-paragrafi 4, 5 u 6 ta' dan l-Artikolu.

2. It-trażmissjoni tat-tagħrif lill-Eurojust għandha tkun interpretata biss bħala talba għal assistenza mill-Eurojust fil-każ ikkonċernat jekk dan ikun speċifikat minn awtorità kompetenti.

3. Il-membri nazzjonali għandhom jiskambjaw kull tagħrif neċessarju għat-twettiq tal-kompiti tal-Eurojust bejniethom jew mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-Istat Membru tagħhom, bla awtorizzazzjoni minn qabel. B'mod partikolari, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jgħarrfu minnufih lill-membri nazzjonali tagħhom dwar każ li jikkonċernahom.

4. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jgħarrfu lill-membri nazzjonali tagħhom dwar l-istabbiliment ta' timijiet ta' investigazzjoni konġunta u dwar ir-riżultati tal-ħidma tat-tali timijiet.

5. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jgħarrfu lill-membri nazzjonali tagħhom bla dewmien bla bżonn dwar kwalunkwe każ li jaffettwa tal-inqas tliet Stati Membri li għalihom intbagħtu talbiet għal kooperazzjoni ġudizzjarja jew deċiżjonijiet dwarha, inklużi talbiet u deċiżjonijiet li huma bbażati fuq strumenti li jħaddmu l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, lil tal-inqas żewġ Stati Membri, fejn japplika wieħed jew iktar minn dawn li ġejjin:

(a) ir-reat involut ikun punibbli fl-Istat Membru rikjedenti jew emittenti b'sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni, li l-perjodu massimu huwa ta' mill-inqas ħames jew sitt snin, li jrid jiġi deċiż mill-Istat Membru kkonċernat, u huwa inkluż fil-lista li ġejja:

(i) it-traffikar tal-bnedmin;

(ii) l-abbuż sesswali jew l-isfruttament sesswali inklużi l-pornografija tat-tfal u t-tħajjir tat-tfal għal skopijiet sesswali;

(iii) it-traffikar tad-drogi;

(iv) it-traffikar illegali tal-armi tan-nar, il-partijiet jew il-komponenti tagħhom jew il-munizzjon u l-isplussivi;

(v) il-korruzzjoni;

(vi) il-kriminalità kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

▼B

(vii) il-falsifikazzjoni ta’ flus jew mezzi ta’ ħlas;

(viii) l-attivitajiet ta’ ħasil tal-flus;

(ix) il-kriminalità relatata mal-kompjuter;

(b) ikun hemm indikazzjonijiet fattwali li tkun involuta organizzazzjoni kriminali;

(c) ikun hemm indikazzjonijiet li l-każ jista’ jkollu dimensjoni transfruntiera serja jew jista’ jkollu riperkussjonijiet fil-livell tal-Unjoni, jew jista’ jaffettwa lil Stati Membri oħra minbarra dawk direttament involuti.

6. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jgħarrfu lill-membri nazzjonali tagħhom dwar:

(a) każijiet fejn ikun hemm jew aktarx li se jkun hemm kunflitti ta’ ġurisdizzjoni;

(b) kunsinni kkontrollati li tal-inqas jaffettwaw tliet pajjiżi, li tal-inqas tnejn minnhom huma Stati Membri;

(c) diffikultajiet jew rifjuti ripetuti rigward l-eżekuzzjoni ta’ talbiet għal kooperazzjoni ġudizzjarja jew deċiżjonijiet dwarha, inklużi talbiet u deċiżjonijiet li huma bbażati fuq strumenti li jħaddmu l-prinċipju ta’ rikonoxximent reċiproku.

7. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ma għandhomx ikunu obbligati li jipprovdu tagħrif f’każ partikolari jekk dan ikun ta’ ħsara għall-interessi essenzjali tas-sigurtà nazzjonali jew jipperikola s-sikurezza ta’ individwi.

8. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għall-kundizzjonijiet stabbiliti fi ftehimiet bilaterali jew multilaterali bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi, inkluża kwalunkwe kundizzjoni stabbilita minn pajjiżi terzi dwar l-użu tat-tagħrif ladarba jkun ipprovdut.

▼M2

9. Dan l-Artikolu ma għandux jaffettwa obbligi oħra rigward it-trażmissjoni ta' informazzjoni lill-Eurojust.

10. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ma għandhomx jiġu obbligati jipprovdu informazzjoni kif imsemmi f'dan l-Artikolu fejn din l-informazzjoni tkun diġà ntbagħtet lill-Eurojust f'konformità mad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan ir-Regolament.

▼M2

*Artikolu 21a*

**Skambju ta' informazzjoni dwar każijiet ta' terroriżmu**

1. Fir-rigward ta' reati terroristiċi, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jinfurmaw lill-membri nazzjonali tagħhom dwar kwalunkwe investigazzjoni kriminali li tkun għaddejja jew li tkun ġiet konkluża taħt superviżjoni mill-awtoritajiet ġudizzjarji hekk kif il-każ jiġi riferut lill-awtoritajiet ġudizzjarji f'konformità mal-liġi nazzjonali, b'mod partikolari l-liġi proċedurali kriminali nazzjonali, dwar kwalunkwe prosekuzzjoni u proċediment tal-qorti li jkunu għaddejjin jew li jkunu ġew konklużi, u dwar kwalunkwe deċiżjoni tal-qorti dwar reati terroristiċi. Dak l-obbligu għandu japplika għall-investigazzjonijiet kriminali kollha relatati ma' reati terroristiċi irrispettivament minn jekk ikunx hemm rabta magħrufa ma' Stat Membru ieħor jew pajjiż terz sakemm l-investigazzjoni kriminali, minħabba ċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħha, ma taffettwax b'mod ċar lil Stat Membru wieħed biss.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika meta:

(a) il-kondiviżjoni tal-informazzjoni tipperikola investigazzjoni li tkun għaddejja jew is-sikurezza ta' individwu; jew

(b) il-kondiviżjoni tal-informazzjoni tmur kontra l-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Istat Membru kkonċernat.

3. Ir-reati terroristiċi għall-fini ta' dan l-Artikolu huma r-reati msemmija fid-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

4. L-informazzjoni mibgħuta f'konformità mal-paragrafu 1 għandha tinkludi d-data personali u d-data mhux personali operazzjonali elenkati fl-Anness III. Din l-informazzjoni tista' tinkludi data personali f'konformità mal-Anness III, il-punt (d), iżda biss f'każ li dik id-data personali tinżamm mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew tkun tista' tiġi kkomunikata lilhom f'konformità mal-liġi nazzjonali u f'każ li t-trażmissjoni ta' dik id-data tkun meħtieġa biex jiġi identifikat b'mod affidabbli suġġett tad-data skont l-Artikolu 27(5).

5. Soġġett għall-paragrafu 2, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jinfurmaw lill-membri nazzjonali tagħhom dwar kwalunkwe bidla fl-informazzjoni mibgħuta skont il-paragrafu 1 mingħajr dewmien żejjed u, fejn possibbli, mhux aktar tard minn għaxart ijiem tax-xogħol wara tali bidliet.

6. L-awtorità nazzjonali kompetenti ma għandhiex tiġi obbligata tipprovdi tali informazzjoni jekk din tkun diġà ntbagħtet lill-Eurojust.

7. L-awtorità nazzjonali kompetenti tista', fi kwalunkwe stadju, titlob l-appoġġ tal-Eurojust fl-azzjoni ta' segwitu fir-rigward tar-rabtiet identifikati abbażi tal-informazzjoni pprovduta skont dan l-Artikolu.

([1]) Id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI (ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6).

▼B

*Artikolu 22*

**Tagħrif ipprovdut mill-Eurojust lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti**

1. Il-Eurojust għandha tipprovdi lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti b'tagħrif dwar ir-riżultati tal-ipproċessar tat-tagħrif, inkluża l-eżistenza ta' rabtiet ma' każijiet li diġà kienu maħżuna fis-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet, mingħajr dewmien żejjed. Dak it-tagħrif jista' jinkludi data personali.

2. Fejn awtorità nazzjonali kompetenti titlob li l-Eurojust tipprovdilha tagħrif f'perjodu ta' żmien stabbilit, il-Eurojust għandha tibgħat dak it-tagħrif fi ħdan dak il-perjodu ta' żmien.

▼M2

*Artikolu 22 a*

**Komunikazzjoni diġitali sigura u skambju ta' data bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-Eurojust**

1. Il-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-Eurojust skont dan ir-Regolament għandha titwettaq permezz tas-sistema tal-IT deċentralizzata. Is-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet imsemmija fl-Artikolu 23 għandha tkun konnessa ma' network ta' sistemi tal-IT u punti ta' aċċess e-CODEX interoperabbli, li joperaw taħt ir-responsabbiltà u l-ġestjoni individwali ta' kull Stat Membru u l-Eurojust, filwaqt li jippermettu l-iskambju transfruntier sigur u affidabbli ta' informazzjoni ("is-sistema tal-IT deċentralizzata").

2. Fejn l-iskambju ta' informazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 ma jkunx possibbli minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tas-sistema tal-IT deċentralizzata jew minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali, dan għandu jitwettaq bl-aktar mezz alternattiv rapidu u xieraq. L-Istati Membri u l-Eurojust għandhom jiżguraw li l-mezzi alternattivi ta' komunikazzjoni jkunu affidabbli u jipprovdu livell ekwivalenti ta' sigurtà u protezzjoni tad-data.

3. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jibgħatu l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 21 u 21a ta' dan ir-Regolament lill-Eurojust b'mod semiawtomatizzat u strutturat mir-reġistri nazzjonali. L-arranġamenti għal tali trażmissjoni għandhom jiġu ddeterminati mill-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Eurojust, f'att ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 22b ta' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiddetermina l-format tad-data trażmessa skont l-Anness III, il-punt (d), ta' dan ir-Regolament u l-istandards tekniċi meħtieġa fir-rigward tat-trażmissjoni ta' tali data, u għandu jistabbilixxi l-istandards proċedurali diġitali kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt 9, tar-Regolament (UE) 2022/850 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

([1]) Ir-Regolament (UE) 2022/850 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar sistema kompjuterizzata għall-iskambju elettroniku transfruntier ta' data fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali (is-sistema e-CODEX), u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 (ĠU L 150, 1.6.2022, p. 1).

▼M2

4. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli li toħloq, iżżomm u tiżviluppa software ta' implimentazzjoni ta' referenza li l-Istati Membri u l-Eurojust jistgħu jagħżlu li japplikaw bħala s-sistema back-end tagħhom. Dak is-software ta' implimentazzjoni ta' referenza għandu jkun ibbażat fuq konfigurazzjoni modulari, li jfisser li s-software jiġi ppakkjat u kkonsenjat b'mod separat mill-komponenti e-CODEX meħtieġa biex is-software jiġi konness mas-sistema tal-IT deċentralizzata. Dik il-konfigurazzjoni għandha tippermetti lill-Istati Membri jużaw mill-ġdid jew itejbu l-infrastrutturi ta' komunikazzjoni ġudizzjarja nazzjonali eżistenti tagħhom bl-għan li jintużaw b'mod transfruntier u tippermetti lill-Eurojust tikkollega s-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet tagħha mas-sistema tal-IT deċentralizzata.

5. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi, iżżomm u tappoġġa s-software ta' implimentazzjoni ta' referenza mingħajr ħlas. Il-ħolqien, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tas-software ta' implimentazzjoni ta' referenza għandhom jiġu ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

6. L-Istati Membri u l-Eurojust għandhom iġarrbu l-ispejjeż rispettivi tagħhom għall-istabbiliment u t-tħaddim ta' punt ta' aċċess e-CODEX awtorizzat kif definit fl-Artikolu 3, il-punt 3, tar-Regolament (UE) 2022/850, u għall-istabbiliment u l-aġġustament tas-sistemi tal-IT rilevanti tagħhom biex jagħmluhom interoperabbli mal-punti ta' aċċess.

*Artikolu 22b*

**Adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni mill-Kummissjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-atti ta' implimentazzjoni meħtieġa għall-istabbiliment u l-użu tas-sistema tal-IT deċentralizzata għall-komunikazzjoni skont dan ir-Regolament, li jistabbilixxu dan li ġej:

(a) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jiddefinixxu l-metodi ta' komunikazzjoni b'mezzi elettroniċi għall-finijiet tas-sistema tal-IT deċentralizzata;

(b) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-protokolli ta' komunikazzjoni;

(c) l-objettivi tas-sigurtà tal-informazzjoni u l-miżuri tekniċi rilevanti li jiżguraw l-istandards minimi ta' sigurtà tal-informazzjoni u livell għoli ta' ċibersigurtà għall-ipproċessar u l-komunikazzjoni ta' informazzjoni fis-sistema tal-IT deċentralizzata;

(d) l-objettivi ta' disponibbiltà minima u r-rekwiżiti tekniċi relatati possibbli għas-servizzi pprovduti mis-sistema tal-IT deċentralizzata;

(e) l-istabbiliment ta' kumitat ta' tmexxija li fih rappreżentanti tal-Istati Membri biex jiġu żgurati t-tħaddim u l-manutenzjoni tas-sistema tal-IT deċentralizzata sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament.

▼M2

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati sa tal-1 ta' Novembru 2025 [sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22c(2).

*Artikolu 22c*

**Proċedura ta' Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Fejn il-kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 23*

**Sistema ta' ġestjoni tal-każijiet**

1. Il-Eurojust għandha tistabbilixxi sistema ta' ġestjoni tal-każijiet għall-ipproċessar ta' data personali operazzjonali elenkata fl-Anness II, data elenkata fl-Anness III u data mhux personali.

2. L-għanijiet tas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet għandhom ikunu li:

(a) tappoġġa l-ġestjoni u l-koordinazzjoni ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet li għalihom l-Eurojust qed tipprovdi assistenza;

(b) tiżgura aċċess sigur għal informazzjoni dwar investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet pendenti u l-iskambju tagħha;

(c) tippermetti l-kontroverifika tal-informazzjoni u l-identifikazzjoni ta' rabtiet;

(d) tippermetti l-estrazzjoni ta' data għal finijiet operazzjonali u statistiċi;

(e) tiffaċilita l-monitoraġġ sabiex tiżgura li l-ipproċessar ta' data personali operazzjonali jkun legali u jikkonforma ma' dan ir-regolament u mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data.

3. Is-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet tista' tkun marbuta mal-konnessjoni tat-telekomunikazzjoni sigura msemmija fl-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/976/ĠAI ([2]) u kanali ta' komunikazzjoni siguri oħra f'konformità mal-liġi applikabbli tal-Unjoni.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/976/ĠAI tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar in-Network Ġudizzjarju Ewropew (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 130).

▼M2

4. Meta l-Eurojust tkun ingħatat aċċess għal data fi jew minn sistemi tal-informazzjoni oħra tal-Unjoni stabbiliti fl-ambitu ta' atti legali oħra tal-Unjoni, tista' tuża s-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet biex taċċessa data f'tali sistemi tal-informazzjoni jew tikkonnettja magħhom għall-fini ta' rkupru u pproċessar ta' informazzjoni, inkluż data personali, dment li tkun meħtieġa għall-qadi ta' dmirijietha u tkun f'konformità mal-atti legali tal-Unjoni li jistabbilixxu tali sistemi tal-informazzjoni.

5. Il-paragrafi 3 u 4 ma jestendux id-drittijiet ta' aċċess mogħtija lill-Eurojust għal sistemi tal-informazzjoni oħra tal-Unjoni skont l-atti legali tal-Unjoni li jistabbilixxu dawk is-sistemi.

6. Fit-twettiq ta' dmirijiethom, il-membri nazzjonali jistgħu jipproċessaw data personali dwar il-każijiet individwali li jkunu qed jaħdmu fuqhom, f'konformità ma' dan ir-Regolament jew ma' strumenti applikabbli oħra. Huma għandhom jippermettu lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data jkollu aċċess għad-data personali pproċessata fis-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet.

7. Għall-ipproċessar ta' data personali operazzjonali, il-Eurojust ma għandha tistabbilixxi l-ebda fajl ta' data awtomatizzat għajr is-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet.

Il-membri nazzjonali jistgħu jaħżnu b'mod temporanju u janalizzaw data personali sabiex jiġi determinat jekk tali data tkunx rilevanti għall-kompiti tal-Eurojust u tistax tiġi inkluża fis-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet. Dik id-data tista' tinżamm sa tliet xhur.

*Artikolu 24*

**Ġestjoni tal-informazzjoni fis-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet**

1. Il-membru nazzjonali għandu jaħżen l-informazzjoni trażmessa lil dak il-membru nazzjonali f'konformità ma' dan ir-Regolament jew strumenti oħra applikabbli fis-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet.

Il-membru nazzjonali għandu jkun responsabbli għall-ġestjoni tad-data pproċessata minn dak il-membru nazzjonali.

2. Il-membru nazzjonali għandu jiddeċiedi, fuq bażi ta' każ b'każ, jekk għandux iżomm l-aċċess għall-informazzjoni ristretta jew jagħtix aċċess għaliha jew għal partijiet minnha lil membri nazzjonali oħra, lill-prosekuturi ta' kollegament issekondati lill-Eurojust, lill-persunal awtorizzat tal-Eurojust jew lil kwalunkwe persuna oħra li taħdem f'isem il-Eurojust li tkun irċeviet l-awtorizzazzjoni meħtieġa mingħand id-Direttur Amministrattiv.

3. Il-membru nazzjonali għandu jindika, f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, f'termini ġenerali jew speċifiċi, kwalunkwe restrizzjoni fuq it-trattament, l-aċċess u t-trasferiment ulterjuri tal-informazzjoni jekk tkun ġiet identifikata rabta kif imsemmija fl-Artikolu 23(2), il-punt (c).

▼M2

*Artikolu 25*

**Aċċess għas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet fil-livell nazzjonali**

1. Il-persuni msemmija fl-Artikolu 20(3), il-punti (a), (b) u (c), għandu jkollhom aċċess għal mhux iktar minn din id-data li ġejja:

(a) data kkontrollata mill-membru nazzjonali tal-Istat Membru tagħhom;

(b) data kkontrollata minn membri nazzjonali ta' Stati Membri oħra u li għaliha l-membru nazzjonali tal-Istat Membru tagħhom ikun irċieva aċċess, sakemm il-membru nazzjonali li jikkontrolla d-data ma jkunx ċaħad tali aċċess.

2. Il-membru nazzjonali għandu, fil-limitazzjonijiet previsti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jiddeċiedi sa liema punt jingħata l-aċċess lill-persuni msemmija fl-Artikolu 20(3), il-punti (a), (b) u (c), fl-Istat Membru tagħhom.

3. Id-data pprovduta f'konformità mal-Artikolu 21a tista' tiġi aċċessata fil-livell nazzjonali mill-korrispondenti nazzjonali għall-Eurojust fi kwistjonijiet ta' terroriżmu biss kif imsemmija fl-Artikolu 20(3), il-punt (c).

4. Kull Stat Membru jista' jiddeċiedi, wara konsultazzjoni mal-membru nazzjonali tiegħu, li l-persuni msemmija fl-Artikolu 20(3), il-punti (a), (b) u (c), jistgħu, fil-limiti previsti fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, idaħħlu informazzjoni fis-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet li tikkonċerna l-Istat Membru tagħhom. Dak il-kontribut għandu jkun soġġett għall-validazzjoni mill-membru nazzjonali rispettiv. Il-Kulleġġ għandu jistabbilixxi d-dettalji tal-implimentazzjoni prattika ta' dan il-paragrafu. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Eurojust u lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-paragrafu. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri l-oħra b'dan.

▼B

KAPITOLU IV

**IPPROĊESSAR TAL-INFORMAZZJONI**

*Artikolu 26*

**Ipproċessar ta' data personali mill-Eurojust**

1. Dan ir-Regolament u l-Artikolu 3 u l-Kapitolu IX tar-Regolament (UE) 2018/1725 għandhom japplikaw għall-ipproċessar ta' data personali operazzjonali mill-Eurojust. Ir-Regolament (UE) 2018/1725 għandu japplika għall-ipproċessar ta' data personali amministrattiva mill-Eurojust, bl-eċċezzjoni tal-Kapitolu IX ta' dak ir-Regolament.

2. Ir-referenzi għar-"regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data" f'dan ir-Regolament għandhom jinftiehmu bħala referenzi għad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data stabbiliti f'dan ir-Regolament u fir-Regolament (UE) 2018/1725.

▼B

3. Ir-regoli tal-protezzjoni tad-data dwar l-ipproċessar ta' data personali operazzjonali li jinsabu f'dan ir-Regolament għandhom jitqiesu bħala regoli speċifiċi għall-protezzjoni tad-data għar-regoli ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 3 u l-Kapitolu IX tar-Regolament (UE) 2018/1725.

4. Il-Eurojust għandha tiddetermina l-limiti ta' żmien għall-ħżin ta' data personali amministrattiva fid-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data fir-regoli ta' proċedura tagħha.

*Artikolu 27*

**Ipproċessar ta' data personali operazzjonali**

1. Sa fejn ikun meħtieġ biex twettaq il-kompiti tagħha, il-Eurojust, fi ħdan il-qafas tal-kompetenza tagħha u sabiex twettaq il-funzjonijiet operazzjonali tagħha, tista' tipproċessa permezz ta' mezzi awtomatizzati jew f'fajls manwali strutturati f'konformità ma' dan ir-Regolament biss dik id-data personali operazzjonali elenkata fil-punt 1 tal-Anness II dwar persuni li, fil-liġi nazzjonali tal-Istati Membri kkonċernati, huma persuni li fir-rigward tagħhom jeżistu raġunijiet serji ta' suspett li wettqu jew li se jwettqu reat kriminali li l-Eurojust hija kompetenti għalih jew li ġew ikkundannati għat-tali reat.

2. Il-Eurojust tista' tipproċessa biss id-data personali operazzjonali elenkata fil-punt II tal-Anness 2, fuq persuni li, skont il-liġi nazzjonali tal-Istati Membri kkonċernati, huma meqjusin bħala vittmi jew partijiet oħra fir-rigward ta' reat kriminali, bħal persuni li jistgħu jissejħu biex jagħtu xhieda f'investigazzjoni jew prosekuzzjoni kriminali rigward tip wieħed jew iktar minn fost il-kriminalità u r-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3, persuni li jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar reati kriminali, jew persuni ta' kuntatt jew assoċjati ta' persuna msemmija fil-paragrafu 1. L-ipproċessar tat-tali data personali operazzjonali jista' jseħħ biss jekk ikun meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-kompiti tal-Eurojust, fi ħdan il-qafas tal-kompetenza tagħha u sabiex twettaq il-funzjonijiet operazzjonali tagħha.

3. F'każijiet eċċezzjonali, għal perjodu limitat ta' żmien li ma għandux jeċċedi ż-żmien meħtieġ għall-konklużjoni tal-każ li miegħu hija relatata d-data pproċessata, il-Eurojust tista' wkoll tipproċessa data personali operazzjonali minbarra d-data personali msemmija fl-Anness II relatata maċ-ċirkustanzi ta' reat, fejn tali data tkun immedjatament rilevanti għal, u tkun inkluża fi, investigazzjonijiet kurrenti li l-Eurojust tkun qed tikkoordina jew qed tgħin fil-koordinazzjoni tagħhom u meta l-ipproċessar tagħhom ikun neċessarju għall-finijiet speċifikati fil-paragrafu 1. L-Uffiċjali tal-Protezzjoni tad-Data msemmi fl-Artikolu 36 għandu jkun mgħarraf minnufih meta tali data personali operazzjonali tiġi pproċessata, u għandu jkun mgħarraf biċ-ċirkustanzi speċifiċi li jiġġustifikaw il-ħtieġa tal-ipproċessar ta' dik id-data personali operazzjonali. Meta data oħra bħal din tirreferi għal xhieda jew vittmi skont it-tifsira tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, id-deċiżjoni li tiġi pproċessata għandha tittieħed b'mod konġunt mill-membri nazzjonali kkonċernati.

▼M2

4. Il-Eurojust tista' tipproċessa kategoriji speċjali ta' data personali operazzjonali f'konformità mal-Artikolu 76 tar-Regolament (UE) 2018/1725. Meta data oħra bħal din tirreferi għal xhieda jew vittmi skont it-tifsira tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, id-deċiżjoni li tiġi pproċessata għandha tittieħed mill-membri nazzjonali kkonċernati.

5. Meta data personali operazzjonali tintbagħat f'konformità mal-Artikolu 21a, il-Eurojust tista' tipproċessa d-data personali operazzjonali elenkata fl-Anness III tal-persuni li ġejjin:

(a) persuni li għalihom, f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, hemm raġunijiet serji sabiex wieħed jemmen li huma wettqu jew waslu sabiex iwettqu reat kriminali li fir-rigward tiegħu l-Eurojust hija kompetenti;

(b) persuni li ġew ikkundannati għal tali reat.

Dment li l-awtorità kompetenti nazzjonali ma tiddeċidix mod ieħor, fuq bażi ta' każ b'każ, il-Eurojust tista' tkompli tipproċessa d-data personali operazzjonali msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu anke wara li l-proċedimenti jkunu ġew konklużi skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, anke fil-każ ta' liberazzjoni jew ta' deċiżjoni finali li ma ssirx prosekuzzjoni. Fejn il-proċedimenti ma rriżultawx f'kundanna, l-ipproċessar tad-data personali operazzjonali għandu jsir biss sabiex jiġu identifikati rabtiet ma' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet pendenti, futuri jew konklużi kif imsemmi fl-Artikolu 23(2), il-punt (c).

▼B

*Artikolu 28*

**Ipproċessar taħt l-awtorità tal-Eurojust jew tal-proċessur**

Il-proċessur u kwalunkwe persuna, li taġixxi taħt l-awtorità tal-Eurojust jew tal-proċessur, li jkollhom aċċess għal data personali operazzjonali, ma għandhomx jipproċessaw dik id-data ħlief fuq istruzzjonijiet mingħand il-Eurojust, sakemm ma jkunux meħtieġa jagħmlu dan mil-liġi tal-Unjoni jew mil-liġi ta' Stat Membru.

*Artikolu 29*

**Limiti ta' żmien għall-ħżin ta' data personali operazzjonali**

1. Id-data personali operazzjonali pproċessata mill-Eurojust għandha tinħażen mill-Eurojust għal żmien mhux itwal minn dak meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tagħha. B'mod partikolari, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, id-data personali operazzjonali msemmija fl-Artikolu 27 ma tistax tibqa' maħżuna wara l-ewwel data applikabbli fost dawn id-dati li ġejjin:

(a) id-data li fiha l-prosekuzzjoni tkun preskritta skont l-istatut tal-limitazzjonijiet tal-Istati Membri kollha kkonċernati mill-investigazzjoni u l-prosekuzzjonijiet;

▼B

(b) id-data li fiha l-Eurojust tiġi mgħarrfa li l-persuna tkun ġiet liberata u d-deċiżjoni ġudizzjarja saret finali, u f'dan il-każ l-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Eurojust mingħajr dewmien;

(c) tliet snin wara d-data li fiha d-deċiżjoni ġudizzjarja tal-aħħar wieħed mill-Istati Membri kkonċernati mill-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni saret finali;

(d) id-data li fiha l-Eurojust u l-Istati Membri kkonċernati stabbilew jew qablu b'mod reċiproku li ma kienx għad hemm bżonn li l-Eurojust tikkoordina l-investigazzjoni u l-prosekuzzjonijiet, sakemm ma jkunx hemm obbligu li l-Eurojust tkun ipprovduta b'din l-informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 21(5) jew (6);

(e) tliet snin wara d-data li fiha ntbagħtet id-data personali operazzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(5) jew (6).

▼M2

1a. Il-Eurojust ma għandhiex taħżen data personali operazzjonali trażmessa f'konformità mal-Artikolu 21a lil hinn mill-ewwel data mid-dati li ġejjin:

(a) id-data li fiha l-prosekuzzjoni tkun preskritta skont l-istatut tal-preskrizzjoni tal-Istati Membri kollha kkonċernati bl-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni;

(b) ħames snin wara d-data li fiha d-deċiżjoni ġudizzjarja tal-aħħar Stat Membru kkonċernat mill-investigazzjoni jew mill-prosekuzzjoni saret finali, jew sentejn fil-każ ta' liberazzjoni jew deċiżjoni finali li ma ssirx prosekuzzjoni;

(c) id-data ta' meta l-Eurojust tiġi infurmata bid-deċiżjoni tal-awtorità nazzjonali kompetenti skont l-Artikolu 27(5).

2. L-osservanza tal-iskadenzi għall-ħżin imsemmija fil-paragrafi 1 u 1a għandha tiġi rieżaminata b'mod kostanti permezz ta' pproċessar awtomatizzat xieraq imwettaq mill-Eurojust, b'mod partikolari mill-mument li l-Eurojust ma tibqax tipprovdi appoġġ.

Għandu jsir ukoll rieżami tal-ħtieġa li tinħażen id-data kull tliet snin wara li tiddaħħal.

Jekk id-data personali operazzjonali msemmija fl-Artikolu 27(4) tinħażen għal perjodu li jaqbeż il-ħames snin, il-KEPD għandu jiġi infurmat b'dan.

3. Qabel ma tiskadi waħda mill-iskadenzi għall-ħżin imsemmija fil-paragrafi 1 u 1a, il-Eurojust għandha tirrieżamina l-ħtieġa li d-data personali operazzjonali tkompli tinħażen fejn u sakemm dan ikun meħtieġ sabiex twettaq il-kompiti tagħha.

Hija tista', permezz ta' deroga, tiddeċiedi li taħżen dik id-data sar-rieżami li jmiss. Ir-raġunijiet għat-tkomplija tal-ħżin għandhom jiġu ġġustifikati u rreġistrati. Jekk ma tittieħed l-ebda deċiżjoni dwar il-ħażna kontinwa ta' data personali operazzjonali fil-mument tar-rieżami, dik id-data għandha titħassar awtomatikament.

▼B

4. Fejn, f'konformità mal-paragrafu 3, id-data personali operazzjonali tkun baqgħet maħżuna wara d-dati ta' skadenza għall-ħżin imsemmija fil-paragrafu 1, il-KEPD għandu, kull tliet snin, jagħmel ukoll rieżami dwar il-bżonn li dik id-data tinħażen.

5. Ladarba tiskadi d-data ta' skadenza għall-ħżin tal-aħħar oġġett ta' data awtomatizzata mill-fajl, id-dokumenti kollha fil-fajl għandhom jinqerdu ħlief dawk id-dokumenti oriġinali li l-Eurojust tkun irċeviet mill-awtoritajiet nazzjonali u li jeħtieġ li jintbagħtu lura lill-fornitur tagħhom.

6. Fejn il-Eurojust tkun ikkoordinat investigazzjoni jew prosekuzzjonijiet, il-membri nazzjonali kkonċernati għandhom jinfurmaw lil xulxin kull meta dawn jirċievu informazzjoni li l-każ ma ntlaqgħetx jew li d-deċiżjonijiet ġudizzjarji kollha relatati mal-każ saru finali.

7. Il-paragrafu 5 m'għandux japplika fejn:

(a) dan ikun ta' dannu għall-interessi ta' suġġett tad-data li jkun jeħtieġ protezzjoni; f'tali każijiet, id-data personali operazzjonali għandha tintuża biss bil-kunsens espliċitu u bil-miktub tas-suġġett tad-data;

(b) il-preċiżjoni tad-data personali operazzjonali tiġi kkontestata mis-suġġett tad-data: f'tali każijiet, il-paragrafu 5 ma għandux japplika għal perjodu li jippermetti lill-Istati Membri jew lill-Eurojust, skont kif ikun xieraq, jivverifikaw il-preċiżjoni ta' tali data;

(c) id-data personali operazzjonali tkun trid tinżamm għal finijiet ta' prova jew għall-istabbiliment, l-eżerċitar jew id-difiża ta' pretensjonijiet ġuridiċi;

(d) is-suġġett tad-data jopponi t-tħassir tad-data personali operazzjonali u minflok jitlob ir-restrizzjoni tal-użu tagħha; jew

(e) id-data personali operazzjonali tkun meħtieġa addizzjonalment għal finijiet ta' arkivjar fl-interess pubbliku jew għal finijiet statistiċi.

*Artikolu 30*

**Sigurtà tad-data personali operazzjonali**

Il-Eurojust u l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu mekkaniżmi biex jiżguraw li l-miżuri tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 91 tar-Regolament (UE) 2018/1725 jiġu indirizzati lil hinn mil-limiti tas-sistemi tal-informazzjoni.

*Artikolu 31*

**Dritt ta' aċċess mis-suġġett tad-data**

1. Kwalunkwe suġġett tad-data li jixtieq jeżerċita d-dritt ta' aċċess imsemmi fl-Artikolu 80 tar-Regolament (UE) 2018/1725 għal data operazzjonali personali li tirrelata mas-suġġett tad-data u li ġiet ipproċessata mill-Eurojust jista' jagħmel talba lill-Eurojust lill-awtorità superviżorji nazzjonali fl-Istat Membru tal-għażla tas-suġġett tad-data. Dik l-awtorità għandha tirreferi t-talba lill-Eurojust mingħajr dewmien, u fi kwalunkwe każ fi żmien xahar minn meta tirċievi t-talba.

▼B

2. It-talba għandha titwieġeb mill-Eurojust mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ fi żmien tliet xhur minn meta l-Eurojust tirċievi t-talba.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jiġu kkonsultati mill-Eurojust dwar id-deċiżjoni li għandha tittieħed bħala risposta għal talba. Id-deċiżjoni dwar l-aċċess għad-data għandha tittieħed biss mill-Eurojust f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri direttament ikkonċernati mill-komunikazzjoni ta' tali data. Meta Stat Membru joġġezzjona għad-deċiżjoni proposta tal-Eurojust, dan għandu jinnotifika lill-Eurojust dwar ir-raġunijiet għall-oġġezzjoni tiegħu. Il-Eurojust għandha tikkonforma ma' kull oġġezzjoni bħal din. Il-membri nazzjonali kkonċernati għandhom sussegwentement jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti bil-kontenut tad-deċiżjoni tal-Eurojust.

4. Il-membri nazzjonali kkonċernati għandhom jittrattaw it-talba u jieħdu deċiżjoni f'isem il-Eurojust. Meta l-membri nazzjonali kkonċernati ma jaqblux bejniethom, għandhom jirreferu l-kwistjoni lill-Kulleġġ, li għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu dwar it-talba b'maġġoranza ta' żewġ terzi.

*Artikolu 32*

**Restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' aċċess**

Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 81 tar-Regolament (UE) 2018/1725, il-Eurojust għandha tinforma lis-suġġett tad-data wara li tikkonsulta mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati f'konformità mal-Artikolu 31(3) ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 33*

**Dritt ta' restrizzjoni tal-ipproċessar**

Mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 29(7) ta' dan ir-Regolament, fejn l-ipproċessar ta' data personali operazzjonali jkun ġie ristrett taħt l-Artikolu 82(3) tar-Regolament (UE) 2018/1725, tali data personali operazzjonali, għandha tiġi pproċessata biss għall-ħarsien tad-drittijiet tas-suġġett tad-data jew ta' persuna fiżika jew ġuridika oħra li hija parti għall-proċedimenti li fihom Eurojust tagħmel parti, jew għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 82(3) tar-Regolament (UE) 2018/1725.

*Artikolu 34*

**Aċċess awtorizzat għal data personali operazzjonali fi ħdan il-Eurojust**

Huma biss il-membri nazzjonali, id-deputati u l-Assistenti tagħhom u l-esperti nazzjonali sekondati awtorizzati, il-persuni msemmija fl-Artikolu 20(3), dment li dawk il-persuni jkunu konnessi mas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet, u l-persunal awtorizzat tal-Eurojust li jistgħu, għall-fini ta' twettiq tal-kompiti tal-Eurojust, ikollhom aċċess għal data personali pproċessata mill-Eurojust fil-limiti stipulati fl-Artikoli 23, 24 u 25.

*Artikolu 35*

**Rekords ta' kategoriji tal-attivitajiet ta' pproċessar**

1. Il-Eurojust għandha żżomm rekord tal-kategoriji kollha tal-attivitajiet ta' pproċessar taħt ir-responsabbiltà tagħha. Dak ir-rekord għandu jinkludi l-informazzjoni kollha li ġejja:

▼B

(a) id-dettalji ta' kuntatt tal-Eurojust u l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-Uffiċjal tagħha tal-Protezzjoni tad-Data;

(b) il-finijiet tal-ipproċessar;

(c) id-deskrizzjoni tal-kategoriji ta' suġġetti tad-data u tal-kategoriji ta' data personali operazzjonali;

(d) il-kategoriji ta' riċevituri li lilhom tkun ġiet żvelata jew se tiġi żvelata d-data personali operazzjonali inklużi riċevituri f'pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali;

(e) fejn applikabbli, it-trasferimenti ta' data personali operazzjonali lil pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali, inkluża l-identifikazzjoni ta' dak il-pajjiż terz jew dik l-organizzazzjoni internazzjonali;

(f) fejn ikun possibbli, il-limiti ta' żmien ippjanati għat-tħassir tad-diversi kategoriji ta' data;

(g) fejn ikun possibbli, deskrizzjoni ġenerali tal-miżuri tekniċi u organizzattivi ta' sigurtà msemmija fl-Artikolu 91 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

2. Ir-rekords imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu bil-miktub, inkluż f'forma elettronika.

3. Il-Eurojust għandha tagħmel ir-rekord disponibbli għall-KEPD fuq talba.

*Artikolu 36*

**Nomina tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data**

1. Il-Bord Eżekuttiv għandu jinnomina Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data għandu jkun membru tal-persunal maħtur speċifikament għal dan il-fini. Fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu, l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data għandu jaġixxi b'mod indipendenti u ma jista' jirċievi ebda struzzjoni.

2. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data għandu jintgħażel abbażi tal-kwalitajiet professjonali tiegħu u, b'mod partikolari, l-għarfien espert tal-liġi u tal-prattiki dwar il-protezzjoni tad-data, u l-ħila li jwettaq il-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari dawk imsemmija fl-Artikolu 38.

3. L-għażla tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data m'għandhiex tagħti lok għal kunflitt ta' interessi bejn dmiru bħala Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data u kwalunkwe dmir uffiċjali ieħor li huwa jista' jkollu, b'mod partikolari fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

4. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data għandu jinħatar għal mandat ta' erba' snin u għandu jkun eliġibbli li jerġa' jinħatar sa massimu ta' perjodu totali ta' tmien snin. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data jista' jitneħħa mill-kariga tiegħu mill-Bord Eżekuttiv biss bil-kunsens tal-KEPD, jekk huwa ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-qadi ta' dmirijietu.

5. Il-Eurojust għandha tippubblika d-dettalji ta' kuntatt tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data u tikkomunikahom lill-KEPD.

▼B

*Artikolu 37*

**Pożizzjoni tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data**

1. Il-Eurojust għandha tiżgura li l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data jkun involut, kif dovut u b'mod f'waqtu, fil-kwistjonijiet kollha marbutin mal-protezzjoni tad-data personali.

2. Il-Eurojust għandha tappoġġa lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data fit-twettiq tal-kompiti msemmija fl-Artikolu 38 billi tipprovdi r-riżorsi u l-persunal meħtieġa biex iwettaq dawk il-kompiti u billi tipprovdi aċċess għad-data personali u l-operazzjonijiet ta' pproċessar, u biex isostni l-għarfien espert tiegħu.

3. Il-Eurojust għandha tiżgura li l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data ma jirċievi l-ebda struzzjoni fir-rigward tat-twettiq tal-kompiti tiegħu. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data ma għandux jitneħħa mill-kariga jew jiġi penalizzat mill-Bord Eżekuttiv minħabba t-twettiq tal-kompiti tiegħu. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data għandu jirrapporta direttament lill-Kulleġġ fir-rigward tad-data personali operazzjonali u jirrapporta lill-Bord Eżekuttiv fir-rigward tad-data personali amministrattiva.

4. Is-suġġetti tad-data jistgħu jikkuntattjaw lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha marbutin mal-ipproċessar tad-data personali tagħhom u mal-eżerċitar tad-drittijiet tagħhom taħt dan ir-Regolament u taħt ir-Regolament (UE) 2018/1725.

5. Il-Bord Eżekuttiv għandu jadotta regoli ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data. Dawk ir-regoli ta' implimentazzjoni għandhom b'mod partikolari jirrigwardaw il-proċedura tal-għażla għall-kariga tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data, it-tneħħija, il-kompiti, id-dmirijiet u s-setgħat tal-Uffiċjal u s-salvagwardji għall-indipendenza tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data.

6. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data u l-persunal tiegħu għandhom ikunu marbuta bl-obbligu tal-kunfidenzjalità f'konformità mal-Artikolu 72.

7. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data jista' jiġi kkonsultat mill-kontrollur u mill-proċessur, mill-kumitat tal-persunal ikkonċernat u minn kwalunkwe individwu fuq kwalunkwe kwistjoni li tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2018/1725 mingħajr ma dawn jgħaddu mill-kanali uffiċjali. Ħadd ma għandu jbati preġudizzju fuq il-bażi ta' kwistjoni miġjuba għall-attenzjoni tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data li tallega li seħħ ksur ta' dan ir-Regolament jew tar-Regolament (UE) 2018/1725.

8. Wara n-nomina tiegħu, l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data għandu jiġi rreġistrat mal-KEPD mill-Eurojust.

*Artikolu 38*

**Kompiti tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data**

1. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data għandu jkollu b'mod partikolari l-kompiti li ġejjin, fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali:

▼B

(a) jiżgura b'mod indipendenti l-konformità tal-Eurojust mad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data ta' dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2018/1725 u mad-dispożizzjonijiet relevanti dwar il-protezzjoni tad-data fir-regoli ta' proċedura tal-Eurojust; dan jinkludi l-monitoraġġ tal-konformità ma' dan ir-Regolament, mar-Regolament (UE) 2018/1725, ma' dispożizzjonijiet oħra nazzjonali jew tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data u mal-politiki tal-Eurojust fir-rigward tal-protezzjoni ta' data personali, inklużi l-assenjazzjoni tar-responsabbiltajiet, is-sensibilizzazzjoni u t-taħriġ tal-persunal involut fl-attivitajiet ta' pproċessar, u verifiki relatati;

(b) jagħti informazzjoni u pariri lill-Eurojust u lill-persunal li jipproċessaw data personali dwar l-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament, ir-Regolament (UE) 2018/1725 u dispożizzjonijiet oħra tal-Unjoni jew nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data;

(c) jagħti pariri meta mitlub fir-rigward tal-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data u jimmonitorja l-attwazzjoni tagħha skont l-Artikolu 89 tar-Regolament (UE) 2018/1725;

(d) jiżgura li jinżamm rekord tat-trasferiment u l-wasla tad-data personali f'konformità mad-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu stipulati fir-regoli ta' proċedura tal-Eurojust;

(e) jikkoopera mal-persunal tal-Eurojust li huwa responsabbli għall-proċeduri, it-taħriġ u l-għoti ta' pariri dwar l-ipproċessar tad-data;

(f) jikkoopera mal-KEPD;

(g) jiżgura li s-suġġetti tad-data jkunu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom taħt dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2018/1725;

(h) jaġixxi bħala l-punt ta' kuntatt għall-KEPD dwar kwistjonijiet relatati mal-ipproċessar, inkluża l-konsultazzjoni minn qabel imsemmija fl-Artikolu 90 tar-Regolament (UE) 2018/1725, u mal-konsultazzjoni, fejn xieraq, fir-rigward ta' kwalunkwe materja oħra;

(i) jagħti parir meta mitlub fir-rigward tal-ħtieġa ta' notifika jew ta' komunikazzjoni ta' ksur ta' data personali skont l-Artikoli 92 u 93 tar-Regolament (UE) 2018/1725;

(j) iħejji rapport annwali u jikkomunika dak ir-rapport lill-Bord Eżekuttiv, il-Kulleġġ u l-KEPD.

2. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data għandu jwettaq il-funzjonijiet previsti fir-Regolament (UE) 2018/1725 fir-rigward ta' data personali amministrattiva.

3. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data u l-persunal tal-Eurojust li jkunu qegħdin jassistu lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data fil-qadi ta' dmirijietu għandu jkollhom aċċess għad-data personali pproċessata mill-Eurojust u għall-bini tagħha, sa fejn meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tagħhom.

▼B

4. Jekk l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data jqis li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2018/1725 relatati mal-ipproċessar ta' data personali amministrattiva jew li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew tal-Artikolu 3 u tal-Kapitolu IX tar-Regolament (UE) 2018/1725 relatati mal-ipproċessar ta' data personali operazzjonali ma jkunux ġew osservati, huwa għandu jinforma lill-Bord Eżekuttiv, u jitolbu jsolvi n-nuqqas ta' konformità fi żmien speċifikat. Jekk il-Bord Eżekuttiv ma jsolvix in-nuqqas ta' konformità fiż-żmien speċifikat, l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data għandu jirreferi l-kwistjoni lill-KEPD.

*Artikolu 39*

**Notifika ta' ksur ta' data personali lill-awtoritajiet ikkonċernati**

1. Fil-każ ta' ksur ta' data personali, il-Eurojust għandha mingħajr dewmien żejjed tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati, dwar dak il-ksur.

2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 għandha, bħala minimu:

(a) tiddeskrivi n-natura tal-ksur ta' data personali, inkluż, fejn hu possibbli u xieraq, il-kategoriji u l-għadd ta' suġġetti tad-data kkonċernati u l-kategoriji u l-għadd ta' rekords tad-data kkonċernati;

(b) tiddeskrivi l-konsegwenzi mistennija tal-ksur ta' data personali;

(c) tiddeskrivi l-miżuri proposti jew meħuda mill-Eurojust sabiex tindirizza l-ksur ta' data personali; u

(d) fejn xieraq, tirrakkomanda miżuri sabiex jiġu mitigati l-effetti negattivi possibbli tal-ksur ta' data personali.

*Artikolu 40*

**Superviżjoni mill-KEPD**

1. Il-KEPD għandu jkun responsabbli li jimmonitorja u jiżgura l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2018/1725 li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali operazzjonali mill-Eurojust, u biex jagħti pariri lill-Eurojust u lis-suġġetti tad-data dwar il-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw l-ipproċessar tad-data personali operazzjonali. Għal dak il-għan, il-KEPD għandu jaqdi d-dmirijiet li jinsabu fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, għandu jeżerċita s-setgħat mogħtija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u għandu jikkoopera mal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 42.

2. Il-KEPD għandu jkollu d-dmirijiet li ġejjin taħt dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2018/1725:

(a) jisma' u jinvestiga ilmenti, u jinforma lis-suġġett tad-data dwar l-eżitu f'perjodu raġonevoli ta' żmien;

▼B

(b) imexxi inkjesti jew fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq il-bażi ta' lment, u jinforma lis-suġġetti tad-data dwar l-eżitu f'perjodu raġonevoli ta' żmien;

(c) jimmonitorja u jiżgura l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2018/1725 li jirrelataw mal-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali operazzjonali mill-Eurojust;

(d) jagħti parir lill-Eurojust, fuq inizjattiva tiegħu stess jew bħala rispons għal konsultazzjoni, dwar il-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw l-ipproċessar ta' data personali operazzjonali, b'mod partikolari qabel ma l-Eurojust tfassal regoli interni relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali operazzjonali.

3. Il-KEPD jista', taħt dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2018/1725, filwaqt li jqis l-implikazzjonijiet għall-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet fl-Istati Membri:

(a) jagħti pariri lil suġġetti tad-data fl-eżerċitar tad-drittijiet tagħhom;

(b) jirreferi kwistjoni lill-Eurojust fil-każ ta' allegazzjoni ta' ksur tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-ipproċessar tad-data personali operazzjonali, u, fejn adatt, jagħmel proposti għar-rimedji ta' dak il-ksur u għat-titjib tal-protezzjoni tas-suġġetti tad-data;

(c) jikkonsulta lill-Eurojust meta talbiet għall-eżerċitar ta' ċerti drittijiet b'rabta mad-data personali operazzjonali jkunu ġew rifjutati bi ksur tal-Artikolu 31, 32 jew 33 ta' dan ir-Regolament jew l-Artikoli 77 sa 82 jew l-Artikolu 84 tar-Regolament (UE) 2018/1725;

(d) iwissi lill-Eurojust;

(e) jordna lill-Eurojust twettaq ir-rettifika, ir-restrizzjoni jew it-tħassir ta' data personali operazzjonali li tkun ġiet ipproċessata mill-Eurojust bi ksur tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-ipproċessar ta' data personali operazzjonali u tinnotifika lil partijiet terzi li lilhom tkun ġiet żvelata tali data dwar tali azzjonijiet, dment li dan ma jfixkilx il-kompiti tal-Eurojust stabbiliti fl-Artikolu 2;

(f) jirreferi l-kwistjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-"Qorti")taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-TFUE;

(g) jintervjeni f'azzjonijiet miġjuba quddiem il-Qorti.

4. Il-KEPD għandu jkollu aċċess għad-data personali operazzjonali pproċessata mill-Eurojust u għall-bini tagħha sa fejn meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tiegħu.

5. Il-KEPD għandu jħejji rapport annwali dwar l-attivitajiet superviżorji tiegħu fir-rigward tal-Eurojust. Dak ir-rapport għandu jkun parti minn rapport annwali tal-KEPD imsemmi fl-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) 2018/1725. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jiġu mistiedna jagħmlu osservazzjonijiet dwar dan ir-rapport qabel ma jsir parti mir-rapport annwali tal-KEPD imsemmi fl-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) 2018/1725. Il-KEPD għandu jieħu kont bis-sħiħ tal-osservazzjonijiet magħmula mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u, fi kwalunkwe każ, jirreferi għalihom fir-rapport annwali.

▼B

6. Il-Eurojust għandha tikkoopera mal-KEPD, fuq it-talba tiegħu, fit-twettiq tal-kompiti tiegħu.

*Artikolu 41*

**Segretezza professjonali tal-KEPD**

1. Il-KEPD u l-persunal tiegħu għandhom, kemm matul u wara l-mandat tagħhom, ikunu suġġetti għad-dmir ta' segretezza professjonali fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali li jkunu saru jafu biha matul l-eżerċitar tad-dmirijiet uffiċjali tagħhom.

2. Il-KEPD għandu, fl-eżerċitar tas-setgħat superviżorji tiegħu, jieħu kont sħiħ tas-segretezza tal-inkjesti ġudizzjarji u l-proċedimenti kriminali, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew tal-Istati Membri.

*Artikolu 42*

**Kooperazzjoni bejn il-KEPD u l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali**

1. Il-KEPD għandu jaġixxi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali fir-rigward ta' kwistjonijiet speċifiċi li jirrikjedu involviment nazzjonali, b'mod partikolari jekk il-KEPD jew awtorità superviżorja nazzjonali jsibu diskrepanzi qawwijin bejn il-prattiki tal-Istati Membri jew trasferiment potenzjalment illegali li jużaw kanali ta' komunikazzjoni tal-Eurojust, jew fil-kuntest ta' kwistjonijiet imqajmin minn awtorità superviżorja nazzjonali waħda jew iktar dwar l-implimentazzjoni u l-interpretazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, is-superviżjoni koordinata għandha tiġi żgurata f'konformità mal-Artikolu 62 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

3. Il-KEPD għandu jżomm lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali infurmati b'mod sħiħ dwar il-kwistjonijiet kollha li jolqtuhom direttament jew li b'xi mod huma relevanti għalihom. Fuq talba mill-awtorità superviżorja nazzjonali waħda jew aktar, il-KEPD għandu jinfurmahom dwar kwistjonijiet speċifiċi.

4. F'każijiet marbutin ma' data li toriġina minn Stat Membru wieħed jew diversi Stati Membri, fosthom każijiet imsemmija fl-Artikolu 43(3), il-KEPD għandu jikkonsulta l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali kkonċernati. Il-KEPD ma għandux jiddeċiedi dwar azzjoni ulterjuri li għandha tittieħed qabel ma dawk l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jkunu infurmaw lill-KEPD dwar il-pożizzjoni tagħhom, sa data ta' skadenza speċifikata mill-KEPD. Dik l-iskadenza ma għandhiex tkun anqas minn xahar jew itwal minn tliet xhur. Il-KEPD għandu jieħu kont bis-sħiħ tal-pożizzjoni tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali kkonċernati. F'każijiet fejn il-KEPD ikollu l-intenzjoni li ma jsegwix il-pożizzjoni tagħhom, hu għandu jinfurmahom, jipprovdi ġustifikazzjoni, u jressaq il-kwistjoni quddiem il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

F'każijiet fejn il-KEPD jikkunsidra li huma estremament urġenti, hu jista' jiddeċiedi li jieħu azzjoni immedjata. F'tali każijiet, il-KEPD għandu jinforma immedjatament lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali kkonċernati u jissostanzja n-natura urġenti tas-sitwazzjoni u jiġġustifika l-azzjoni li jkun ħa.

▼B

5. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali nazzjonali għandhom iżommu lill-KEPD infurmat bi kwalunkwe azzjoni li jieħdu fir-rigward tat-trasferiment, it-teħid, jew kwalunkwe komunikazzjoni oħra ta' data personali taħt dan ir-Regolament mill-Istati Membri.

*Artikolu 43*

**Dritt ta' preżentazzjoni ta' lment quddiem il-KEPD fir-rigward ta' data personali operazzjonali**

1. Kwalunkwe suġġett ta' data għandu jkollu d-dritt jippreżenta lment quddiem il-KEPD, jekk jidhirlu li l-ipproċessar mill-Eurojust ta' data personali operazzjonali relatata miegħu ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament jew mar-Regolament (UE) 2018/1725 .

2. Fejn ilment ikun relatat ma' deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 31, 32 jew 33 ta' dan ir-Regolament jew l-Artikolu 80, 81 jew 82 tar-Regolament (UE) 2018/1725, il-KEPD għandu jikkonsulta lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jew lill-korp ġudizzjarju kompetenti tal-Istat Membru li pprovda d-data jew l-Istat Membru direttament ikkonċernat. Fl-adozzjoni tad-deċiżjoni tiegħu, li tista' testendi għal rifjut ta' komunikazzjoni ta' kwalunkwe informazzjoni, il-KEPD għandu jqis l-opinjoni tal-awtorità superviżorja nazzjonali jew tal-korp ġudizzjarju kompetenti.

3. Fejn ilment ikun relatat mal-ipproċessar ta' data pprovduta minn Stat Membru lill-Eurojust, il-KEPD u l-awtorità superviżorja nazzjonali tal-Istat Membru li pprovda d-data, kull wieħed minnhom jaġixxi fil-qafas tal-ambitu tal-kompetenzi rispettivi tiegħu, għandhom jiżguraw li l-verifiki meħtieġa dwar il-legalità tal-ipproċessar tad-data jkunu saru b'mod korrett.

4. Fejn ilment ikun relatat mal-ipproċessar ta' data mogħtija lill-Europol minn korpi, uffiċċji jew aġenziji tal-Unjoni, minn pajjiżi terzi jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali, jew mal-ipproċessar tad-data miġbura mill-Europol minn sorsi disponibbli pubblikament, il-KEPD għandu jiżgura li l-Europol tkun wettqet b'mod korrett il-verifiki meħtieġa dwar il-legalità tal-ipproċessar tad-data.

5. Il-KEPD għandu jinforma lis-suġġett tad-data dwar il-progress u l-eżitu tal-ilment, kif ukoll dwar il-possibbiltà ta' rimedju ġudizzjarju skont l-Artikolu 44.

*Artikolu 44*

**Dritt għal stħarriġ ġudizzjarju kontra l-KEPD**

L-azzjonijiet kontra deċiżjonijiet tal-KEPD dwar data personali operazzjonali għandhom jitressqu quddiem il-Qorti.

*Artikolu 45*

**Responsabbiltà fi kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data**

1. Il-Eurojust għandha tipproċessa data personali operazzjonali b'tali mod li jkun jista' jiġi stabbilit liema awtorità pprovdiet id-data jew mnejn ittieħdet id-data.

▼B

2. Responsabbiltà għall-preċiżjoni tad-data personali operazzjonali għandha tingħarr minn:

(a) il-Eurojust għal data personali operazzjonali pprovduta minn Stat Membru, jew minn istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni fejn id-data pprovduta tkun ġiet alterata matul l-ipproċessar mill-Eurojust;

(b) l-Istat Membru jew l-istituzzjoni, l-uffiċċju, il-korp jew l-aġenzija tal-Unjoni li jkunu pprovdew id-data lill-Eurojust, fejn d-data pprovduta ma tkunx ġiet alterata matul l-ipproċessar mill-Eurojust;

(c) il-Eurojust għal data personali operazzjonali pprovduta minn pajjiżi terzi jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali, kif ukoll għal data personali operazzjonali miksuba mill-Eurojust minn sorsi pubblikament disponibbli.

3. Ir-responsabbiltà għall-konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 fir-rigward ta' data personali amministrattiva u għall-konformità ma' dan ir-Regolament u mal-Artikolu 3 u l-Kapitolu IX tar-Regolament (UE) 2018/1725 fir-rigward ta' data personali operazzjonali għandha tingħarr mill-Eurojust.

Ir-responsabbiltà għal-legalità ta' trasferiment ta' data personali operazzjonali għandha tkun:

(a) fejn Stat Membru jkun ipprovda d-data personali operazzjonali kkonċernata lill-Eurojust, ta' dak l-Istat Membru;

(b) tal-Eurojust, fejn hija tkun ipprovdiet id-data personali operazzjonali kkonċernata lil Stati Membri, lil istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji, jew aġenziji tal-Unjoni, lil pajjiżi terzi jew lil organizzazzjonijiet internazzjonali.

4. Suġġett għal dispożizzjonijiet oħra ta' dan ir-Regolament, il-Eurojust għandha tkun responsabbli għad-data kollha pproċessata minnha.

*Artikolu 46*

**Responsabbiltà għal ipproċessar mhux awtorizzat jew żbaljat ta' data**

1. F'konformità mal-Artikolu 340 tat-TFUE, il-Eurojust għandha tkun responsabbli għal kwalunkwe ħsara kkaġunata lil individwu li tirriżulta mill-ipproċessar mhux awtorizzat jew żbaljat tad-data mwettaq minnha.

2. L-ilmenti kontra l-Eurojust abbażi tar-responsabbiltà msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jinstemgħu mill-Qorti f'konformità mal-Artikolu 268 tat-TFUE.

3. F'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu, kull Stat Membru għandu jkun responsabbli għal kwalunkwe ħsara kkaġunata lil individwu, li tirriżulta mill-ipproċessar mhux awtorizzat jew żbaljat imwettaq minnha ta' data li ġiet komunikata lill-Eurojust.

▼B

KAPITOLU V

**RELAZZJONIJIET MAS-SĦAB**

*TAQSIMA I*

***Dispożizzjonijiet komuni***

*Artikolu 47*

**Dispożizzjonijiet komuni**

1. Sa fejn ikunu neċessarji għat-twettiq tal-kompiti tagħha, il-Eurojust tista' tistabbilixxi u żżomm relazzjonijiet kooperattivi ma' istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni f'konformità mal-għanijiet rispettivi tagħhom, u mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali f'konformità mal-istrateġija ta' kooperazzjoni msemmija fl-Artikolu 52.

2. Sa fejn dan ikun relevanti għat-twettiq tal-kompiti tagħha u suġġett għal kwalunkwe restrizzjoni f'konformità mal-Artikolu 21(8) u l-Artikolu 76, il-Eurojust tista' tiskambja kwalunkwe informazzjoni mal-entitajiet msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu direttament, bl-eċċezzjoni ta' data personali.

3. Għall-finijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2, il-Eurojust tista' tikkonkludi arranġamenti ta' ħidma mal-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1. Tali arranġamenti ta' ħidma m'għandhomx jiffurmaw il-bażi sabiex jippermettu l-iskambju ta' data personali u m'għandhomx jorbtu lill-Unjoni jew lill-Istati Membri tagħha.

4. Il-Eurojust tista' tirċievi u tipproċessa data personali riċevuta mill-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 sa fejn hemm bżonn għat-twettiq tal-kompiti tagħha, suġġett għar-regoli dwar l-applikazzjoni tal-protezzjoni tad-data.

5. Data personali għandha tiġi trasferita biss mill-Eurojust lill-istituzzjoniet, korpi, uffiċċji jew aġenziji tal-Unjoni, lil pajjiżi terzi jew lil organizzazzjonijiet internazzjonali jekk dan ikun neċessarju għat-twettiq tal-kompiti tagħha u jkun f'konformità mal-Artikoli 55 u 56. Jekk id-data li tkun se tiġi ttrasferita tkun ġiet ipprovduta minn Stat Membru, il-Eurojust għandha tikseb il-kunsens tal-awtorità kompetenti relevanti f'dak l-Istat Membru, sakemm l-Istat Membru ma jkunx ta l-awtorizzazzjoni tiegħu minn qabel għal tali trasferiment ulterjuri, jew f'termini ġenerali jew suġġett għal kundizzjonijiet speċifiċi. It-tali kunsens jista' jiġi rtirat fi kwalunkwe waqt.

6. Fejn l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji, jew aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali jkunu rċevew data personali mingħand il-Eurojust, it-trasferimenti ulterjuri ta' tali data lil partijiet terzi għandhom ikunu projbiti ħlief jekk ikunu sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-Eurojust tkun kisbet kunsens minn qabel mill-Istat Membru li pprovda d-data;

(b) il-Eurojust tkun tat il-kunsens espliċitu tagħha wara li qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ inkwistjoni;

(c) it-trasferiment ulterjuri jkun biss għal fini speċifiku li ma jkunx inkompatibbli mal-fini li għalih intbagħtet id-data.

▼B

*TAQSIMA II*

***Relazzjonijiet mas-sħab fi ħdan l-unjoni***

*Artikolu 48*

**Kooperazzjoni man-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew u netwerks oħra tal-Unjoni involuti f'kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali**

1. Il-Eurojust u n-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fi kwistjonijiet kriminali għandhom iżommu relazzjonijiet privileġġati ma' xulxin, fuq il-bażi ta' konsultazzjoni u komplementarjetà, speċjalment bejn il-membru nazzjonali, il-punti ta' kuntatt tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fl-istess Stat Membru bħall-membru nazzjonali, u l-korrispondenti nazzjonali għall-Eurojust u n-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew. Biex tkun żgurata l-kooperazzjoni effiċjenti, għandhom jittieħdu l-miżuri li ġejjin:

(a) fuq il-bażi ta' każ b'każ, il-membri nazzjonali għandhom jinfurmaw lill-punti ta' kuntatt tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew dwar il-każijiet kollha li jqisu li n-Netwerk huwa f'pożizzjoni aħjar biex jindirizzahom;

(b) is-Segretarjat tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew għandu jagħmel parti mill-persunal tal-Eurojust; għandu jaħdem bħala unità separata; jista' juża r-riżorsi amministrattivi tal-Eurojust li huma neċessarji għat-twettiq tal-kompiti tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew, anki biex jiġu koperti l-ispejjeż tal-laqgħat plenarji tan-Netwerk;

(c) il-punti ta' kuntatt tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew jistgħu jkunu mistiedna fuq bażi ta' każ b'każ biex jattendu laqgħat tal-Eurojust;

(d) il-Eurojust u n-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew jistgħu jagħmlu użu mis-sistema ta' koordinazzjoni nazzjonali tal-Eurojust meta jiddeterminaw skont il-punt (b) tal-Artikolu 20(7) jekk talba għandhiex tiġi ttrattata bl-assistenza tal-Eurojust jew in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew.

2. Is-Segretarjat tan-Netwerk għal timijiet ta' investigazzjoni konġunta u s-Segretarjat tan-Netwerk stabbilit mid-Deċiżjoni 2002/494/ĠAI għandhom jifformaw parti mill-persunal tal-Eurojust. Dawk is-segretarjati għandhom jaħdmu bħala unitajiet separati. Jistgħu jużaw ir-riżorsi amministrattivi tal-Eurojust li huma neċessarji għat-twettiq tal-kompiti tagħhom. Il-koordinazzjoni tas-segretarjati għandha tkun żgurata mill-Eurojust. Dan il-paragrafu japplika għas-segretarjat ta' kwalunkwe netwerk relevanti involut f'kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali li għalihom Eurojust għandha tipprovdi appoġġ fil-forma ta' segretarjat. Il-Eurojust tista' tappoġġa netwerks u korpi Ewropej relevanti involuti fil-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali, inkluż fejn xieraq permezz ta' segretarjat ospitat fil-Eurojust.

3. In-netwerk stabbilit bid-Deċiżjoni 2008/852/ĠAI jista' jitlob li l-Eurojust tipprovdi segretarjat tan-netwerk. Jekk issir tali talba, għandu japplika l-paragrafu 2.

▼B

*Artikolu 49*

**Relazzjonijiet mal-Europol**

1. Il-Eurojust għandha tieħu kull miżura adatta biex il-Europol, fi ħdan il-mandat tal-Europol, ikun jista' jkollha aċċess indirett, fuq il-bażi ta' sistema ta' eżitu pożittiv/negattiv, għal informazzjoni pprovduta lill-Eurojust, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe restrizzjoni indikata mill-Istat Membru, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni, pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali li pprovdew l-informazzjoni inkwistjoni. Fil-każ ta' eżitu pożittiv, il-Europol tista' tniedi l-proċedura li permezz tagħha l-informazzjoni li ġġenerat l-eżitu pożittiv tista' tiġi kondiviża f'konformità mad-deċiżjoni tal-Istat Membru, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni, pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali li pprovdew l-informazzjoni lill-Eurojust.

2. It-tiftixiet ta' informazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom jitwettqu biss għall-fini ta' identifikazzjoni ta' jekk l-informazzjoni disponibbli fil-Europol taqbilx mal-informazzjoni pproċessata fil-Eurojust.

3. Il-Eurojust għandha tippermetti li jsiru tiftixiet f'konformità mal-paragrafu 1 biss wara li tikseb mill-Europol informazzjoni dwar liema persunal tal-Europol ikun ġie nominat bħala awtorizzat sabiex iwettaq tali tiftixiet.

4. Jekk matul l-attivitajiet ta' pproċessar tal-informazzjoni tal-Eurojust fir-rigward ta' investigazzjoni, il-Eurojust jew Stat Membru jidentifikaw il-bżonn ta' koordinazzjoni, kooperazzjoni jew appoġġ f'konformità mal-mandat tal-Europol, il-Eurojust għandha tinnotifika lill-Europol dwar dan u għandha tniedi l-proċedura għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni, f'konformità mad-deċiżjoni tal-Istat Membru li pprovda l-informazzjoni. F'każijiet għal dawn il-Eurojust għandha tikkonsulta mal-Europol.

5. Il-Eurojust għandha tistabbilixxi u żżomm kooperazzjoni mill-qrib mal-Europol safejn dan ikun relevanti għat-twettiq tal-kompiti taż-żewġ aġenziji u għall-kisba tal-objettivi tagħhom, billi jitqies il-bżonn li tiġi evitata duplikazzjoni tal-isforz.

Għal dak il-għan, id-Direttur Eżekuttiv tal-Europol u l-President tal-Eurojust għandhom jiltaqgħu fuq bażi regolari biex jiddiskutu kwistjonijiet ta' interess komuni.

6. L-Europol għandha tirrispetta kwalunkwe restrizzjoni fl-aċċess jew l-użu, kemm f'termini ġenerali kif ukoll f'dawk speċifiċi, li ġiet indikata minn Stat Membru, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni, pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali, fir-rigward tal-informazzjoni li huma jkunu pprovdew.

▼B

*Artikolu 50*

**Relazzjonijiet mal-UPPE**

1. Il-Eurojust għandha tistabbilixxi u żżomm relazzjoni mill-qrib mal-UPPE fuq il-bażi ta' kooperazzjoni reċiproka fi ħdan il-mandati u l-kompetenzi rispettivi tagħhom u tal-iżvilupp ta' rabtiet operazzjonali u amministrattivi bejniethom kif definit f'dan l-Artikolu. Għal dak il-għan, il-President tal-Eurojust u l-Kap Prosekutur Ewropew għandhom jiltaqgħu fuq bażi regolari biex jiddiskutu kwistjonijiet ta' interess komuni. Huma għandhom jiltaqgħu fuq talba tal-President tal-Eurojust jew tal-Kap Prosekutur Ewropew.

2. Il-Eurojust għandha tittratta talbiet għal appoġġ mill-UPPE mingħajr dewmien żejjed, u, fejn xieraq, għandha tindirizza t-tali talbiet daqslikieku waslu minn awtorità nazzjonali kompetenti għall-kooperazzjoni ġudizzjarja.

3. Kull meta jkun hemm bżonn li tiġi appoġġjata l-kooperazzjoni stabbilita skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Eurojust għandha tuża s-sistema ta' koordinazzjoni nazzjonali tal-Eurojust stabbilita f'konformità mal-Artikolu 20, kif ukoll ir-relazzjonijiet li stabbiliet ma' pajjiżi terzi, inklużi l-maġistrati ta' kollegament tagħha.

4. Fi kwistjonijiet operazzjonali relevanti għall-kompetenzi tal-UPPE, il-Eurojust għandha tinforma lill-UPPE dwar, u, fejn xieraq, tassoċjah ma', l-attivitajiet tagħha li jikkonċernaw każijiet transfruntieri, inkluż billi:

(a) tikkondividi informazzjoni dwar il-każijiet tagħha, inkluża data personali, f'konformità mad-dispożizzjonijiet relevanti ta' dan ir-Regolament;

(b) titlob lill-UPPE sabiex jipprovdi appoġġ.

5. Il-Eurojust għandu jkollha aċċess indirett għall-informazzjoni fis-sistema ta' ġestjoni ta' każijiet tal-UPPE abbażi ta' sistema ta' eżitu pożittiv/negattiv. Kull meta jkun hemm eżitu pożittiv fit-tiftix bejn id-data mdaħħla fis-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet mill-UPPE u d-data miżmuma mill-Eurojust, il-fatt li jkun hemm eżitu pożittiv għandu jiġi kkomunikat kemm lill-Eurojust u lill-UPPE, kif ukoll lill-Istat Membru li pprovda d-data lill-Eurojust. Il-Eurojust għandha tieħu miżuri xierqa biex tippermetti li l-UPPE jkollu aċċess indirett għall-informazzjoni fis-sistema ta' ġestjoni ta' każijiet tagħha fuq il-bażi ta' sistema ta' eżitu pożittiv/negattiv.

6. L-UPPE jista' joqgħod fuq l-appoġġ u r-riżorsi tal-amministrazzjoni tal-Eurojust. Għal dak il-għan, il-Eurojust tista' tipprovdi servizzi ta' interess komuni lill-UPPE. Id-dettalji għandhom ikunu regolati permezz ta' arranġament.

*Artikolu 51*

**Relazzjonijiet ma' korpi, uffiċji u aġenziji oħra tal-Unjoni**

1. Il-Eurojust għandha tistabbilixxi u żżomm relazzjonijiet kooperattivi man-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju.

▼B

2. L-OLAF għandu jikkontribwixxi għall-ħidma ta' koordinazzjoni tal-Eurojust rigward il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, f'konformità mal-mandat tiegħu taħt ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013.

3. L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għandha tikkontribwixxi għall-ħidma tal-Eurojust inkluż billi tittrażmetti l-informazzjoni rilevanti pproċessata f'konformità mal-mandat u l-kompiti tagħha taħt il-punt (m) tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE)2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). L-ipproċessar ta' kwalunkwe data personali mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta b'konnessjoni magħha għandu jkun regolat mir-Regolament (UE) 2018/1725.

4. Bl-iskop li l-Eurojust u l-OLAF jirċievu informazzjoni u jittrażmettuha bejniethom, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-membri nazzjonali tal-Eurojust jitqiesu bħala awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biss għall-finijiet tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013. L-iskambju ta' informazzjoni bejn l-OLAF u l-membri nazzjonali għandu jsir mingħajr preġudizzju għall-obbligi li l-informazzjoni tingħata lil awtoritajiet kompetenti oħra taħt dawk ir-Regolamenti.

*TAQSIMA III*

***Kooperazzjoni internazzjonali***

*Artikolu 52*

**Relazzjonijiet mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali**

1. Il-Eurojust tista' tistabbilixxi u żżomm kooperazzjoni ma' awtoritajiet ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

Għal dak l-għan, il-Eurojust għandha tħejji strateġija ta' kooperazzjoni kull erba' snin b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, li tispeċifika l-pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali li fir-rigward tagħhom hemm ħtieġa operazzjonali għal kooperazzjoni.

2. Il-Eurojust tista' tikkonkludi arranġamenti tax-xogħol mal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 47(1).

3. Il-Eurojust tista' tistabbilixxi punti ta' kuntatt f'pajjiżi terzi bi qbil mal-awtoritajiet kompetenti kkonċernati, biex tiffaċilita l-kooperazzjoni f'konformità mal-ħtiġijiet operazzjonali tal-Eurojust.

*Artikolu 53*

**Maġistrati ta' kollegament ippostjati f'pajjiżi terzi**

1. Bl-iskop li tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni ġudizzjarja ma' pajjiżi terzi f'każijiet li fihom il-Eurojust tkun qed tipprovdi assistenza f'konformità ma' dan ir-Regolament, il-Kulleġġ jista' jippostja maġistrati ta' kollegament f'pajjiż terz suġġett għall-eżistenza ta' arranġament ta' ħidma kif imsemmi fl-Artikolu 47(3) mal-awtoritajiet kompetenti ta' dak il-pajjiż terz.

([1]) Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE (ĠU L 251, 16.9.2016, p. 1).

▼B

2. Il-kompiti tal-maġistrati ta' kollegament għandhom jinkludu kwalunkwe attività maħsuba biex tinkoraġġixxi u taċċelera kwalunkwe forma ta' kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali, b'mod partikolari billi jistabbilixxu kuntatti diretti mal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi kkonċernati. Fit-twettiq tal-kompiti tagħhom, il-maġistrati ta' kollegament jistgħu jiskambjaw data personali operazzjonali mal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz ikkonċernat f'konformità mal-Artikolu 56.

3. Il-maġistrat ta' kollegament imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkollu esperjenza tax-xogħol mal-Eurojust u għarfien adegwat ta' kooperazzjoni ġudizzjarja u kif taħdem il-Eurojust. L-ippostjar ta' maġistrat ta' kollegament f'isem il-Eurojust għandu jkun suġġett għall-kunsens minn qabel tal-maġistrat u tal-Istat Membru tiegħu.

4. Fejn il-maġistrat ta' kollegament ippostjat mill-Eurojust jingħażel minn fost membri nazzjonali, deputati jew Assistenti:

(a) l-Istat Membru kkonċernat għandu sostitwitixxih fil-funzjoni tiegħu bħala membru nazzjonali, deputat jew Assistent;

(b) huwa ma jibqax intitolat li jeżerċita s-setgħat mogħtija lilu taħt l-Artikolu 8.

5. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali, il-Kulleġġ għandu jfassal it-termini u l-kundizzjonijiet għall-ippostjar ta' maġistrati ta' kollegament, inkluż il-livell tagħhom ta' rimunerazzjoni. Il-Kulleġġ għandu jadotta l-arranġamenti ta' implimentazzjoni neċessarji f'dan ir-rigward b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni.

6. L-attivitajiet tal-maġistrati ta' kollegament ippostjati mill-Eurojust għandhom ikunu suġġetti għas-superviżjoni mill-KEPD. Il-maġistrati ta' kollegament għandhom jirrapportaw lill-Kulleġġ, li għandu jinforma lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fir-rapport annwali u bil-mod xieraq dwar l-attivitajiet tagħhom. Il-maġistrati ta' kollegament għandhom jinformaw lill-membri nazzjonali u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bil-każijiet kollha li jikkonċernaw l-Istat Membru tagħhom.

7. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-maġistrati ta' kollegament imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jikkuntattjaw lil xulxin direttament. F'dawn il-każijiet, il-maġistrat ta' kollegament għandu jinforma lill-membru nazzjonali kkonċernat dwar dawn il-kuntatti.

8. Il-maġistrati ta' kollegament imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu konnessi mas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet.

*Artikolu 54*

**Talbiet għal kooperazzjoni ġudizzjarja lil pajjiżi terzi u mingħandhom**

1. Il-Eurojust tista', bil-kunsens tal-Istat Membru kkonċernat, tikkoordina l-eżekuzzjoni tat-talbiet għal kooperazzjoni ġudizzjarja maħruġin minn pajjiż terz fejn tali talbiet jesiġu eżekuzzjoni f'tal-inqas żewġ Stati Membri bħala parti mill-istess investigazzjoni. It-tali talbiet jistgħu jintbagħtu wkoll lill-Eurojust minn awtorità nazzjonali kompetenti.

▼B

2. F'każijiet ta' urġenza u f'konformità mal-Artikolu 19, l-OCC jista' jirċievi u jittrażmetti t-talbiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jekk dawn ikunu nħarġu minn pajjiż terz li kkonkluda ftehim ta' kooperazzjoni jew arranġament ta' ħidma mal-Eurojust.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3(5), fejn talbiet għal kooperazzjoni ġudizzjarja, li jkunu relatati mal-istess investigazzjoni u li jirrikjedu eżekuzzjoni f'pajjiż terz huma magħmula mill-Istat Membru kkonċernat, il-Eurojust għandha tiffaċilita l-kooperazzjoni ġudizzjarja ma' dak il-pajjiż terz.

▼M2

*Artikolu 54a*

**Prosekuturi ta' kollegament ta' pajjiżi terzi**

1. Il-prosekutur ta' kollegament minn pajjiż terz jista' jiġi ssekondat lill-Eurojust abbażi ta' ftehim ta' kooperazzjoni konkluż qabel it-12 ta' Diċembru 2019 bejn il-Eurojust u dak il-pajjiż terz jew ftehim internazzjonali konkluż bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz skont l-Artikolu 218 TFUE li jippermetti s-sekondar ta' prosekutur ta' kollegament.

2. Id-drittijiet u l-obbligi tal-prosekutur ta' kollegament għandhom jiġu stabbiliti fil-ftehim ta' kooperazzjoni jew fil-ftehim internazzjonali msemmi fil-paragrafu 1 jew f'arranġament ta' ħidma konkluż f'konformità mal-Artikolu 47(3).

3. Il-prosekuturi ta' kollegament issekondati mal-Eurojust għandhom jingħataw aċċess għas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet għall-iskambju sigur tad-data. F'konformità mal-Artikoli 45 u 46, il-Eurojust għandha tibqa' responsabbli għall-ipproċessar tad-data personali mill-prosekuturi ta' kollegament fis-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet.

It-trasferimenti ta' data personali operazzjonali lil prosekuturi ta' kollegament ta' pajjiżi terzi permezz tas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet jistgħu jsiru biss skont ir-regoli u l-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-regolament, fil-ftehim mal-pajjiż rispettiv jew fl-istrumenti legali applikabbli oħra.

L-Artikolu 24(1), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 24(2) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-prosekuturi ta' kollegament.

Il-Kulleġġ għandu jistabbilixxi l-kondizzjonijiet dettaljati ta' aċċess.

▼B

*TAQSIMA IV*

***Trasferimenti ta' data personali***

*Artikolu 55*

**Trażmissjoni ta' data personali operazzjonali lil istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni**

1. Suġġett għal kwalunkwe restrizzjoni ulterjuri għal dan ir-Regolament, b'mod partikolari skont l-Artikoli 21(8), 47(5) u 76, il-Eurojust għandha tittrażmetti data personali operazzjonali lil istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija oħra tal-Unjoni biss jekk id-data tkun meħtieġa għat-twettiq leġittimu tal-kompiti koperti mill-kompetenza tal-istituzzjoni, il-korp, l-uffiċċju jew l-aġenzija l-oħra tal-Unjoni.

▼B

2. Fejn id-data personali operazzjonali tiġi trażmessa fuq talba minn istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija oħra tal-Unjoni, kemm il-kontrollur kif ukoll ir-riċevitur għandhom jerfgħu r-responsabbiltà għal-leġittimità ta' dak it-trasferiment.

Il-Eurojust għandha tkun rikjesta tivverifika l-kompetenza tal-istituzzjoni, il-korp, l-uffiċċju jew l-aġenzija l-oħra tal-Unjoni u li tagħmel evalwazzjoni proviżorja tal-ħtieġa tat-trażmissjoni tad-data personali operazzjonali. Jekk iqumu dubji dwar din il-ħtieġa, il-Europol għandha titlob aktar informazzjoni mingħand ir-riċevitur.

L-istituzzjoni, il-korp, l-uffiċċju jew l-aġenzija l-oħra tal-Unjoni għandhom jiżguraw li l-ħtieġa tat-trażmissjoni tad-data personali operazzjonali tkun tista' tiġi verifikata sussegwentement.

3. L-istituzzjoni, il-korp, l-uffiċċju jew l-aġenzija l-oħra tal-Unjoni għandhom jipproċessaw id-data personali operazzjonali biss għall-finijiet li għalihom tkun ġiet trażmessa.

*Artikolu 56*

**Prinċipji ġenerali għat-trasferimenti ta' data personali operazzjonali lil pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali**

1. Il-Eurojust jista' jittrasferixxi data personali operazzjonali lil pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali, suġġett għall-konformità mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data u mad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan ir-Regolament, u biss meta l-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu ssodisfati:

(a) it-trasferiment ikun meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tal-Eurojust;

(b) l-awtorità tal-pajjiż terz jew l-organizzazzjoni internazzjonali li lilha tiġi ttrasferita d-data personali operazzjonali hija kompetenti fl-infurzar tal-liġi u kwistjonijiet kriminali;

(c) fejn id-data personali operazzjonali li għandha tiġi ttrasferita f'konformità ma' dan l-Artikolu tkun ġiet trażmessa jew magħmula disponibbli lill-Eurojust minn Stat Membru, il-Eurojust għandha tikseb awtorizzazzjoni minn qabel għat-trasferiment mill-awtorità kompetenti relevanti ta' dak l-Istat Membru f'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu, sakemm dak l-Istat Membru ma jkunx awtorizza tali trasferimenti f'termini ġenerali jew suġġett għal kundizzjonijiet speċifiċi;

(d) fil-każ ta' trasferiment ulterjuri lil pajjiż terz ieħor jew lil organizzazzjoni internazzjonali oħra minn pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali, il-Eurojust għandha tirrikjedi li l-pajjiż terz jew l-organizzazzjoni internazzjonali li qed jagħmlu it-trasferiment jiksbu l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-Eurojust għal dak it-trasferiment ulterjuri.

Il-Eurojust għandha tipprovdi awtorizzazzjoni taħt il-punt (d) biss b'awtorizzazzjoni minn qabel tal-Istat Membru li minnu toriġina d-data wara li jkunu tqiesu b'mod xieraq il-fatturi relevanti kollha, inkluż il-livell ta' serjetà tar-reat kriminali, il-fini li għalih id-data personali operazzjonali oriġinarjament ġiet ittrasferita u l-livell ta' protezzjoni ta' data personali fil-pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali li lilhom tiġi ttrasferita ulterjorment id-data personali operazzjonali.

▼B

2. Suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Eurojust tista' tittrasferixxi data personali operazzjonali lil pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali biss jekk japplika wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) il-Kummissjoni tkun iddeċidiet, skont l-Artikolu 57 li l-pajjiż terz jew l-organizzazzjoni internazzjonali inkwistjoni jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni, jew fin-nuqqas ta' tali deċiżjoni ta' adegwatezza, salvagwardji xierqa ġew ipprovduti jew jeżistu skont l-Artikolu 58(1), jew fin-nuqqas kemm ta' deċiżjoni ta' adegwatezza u ta' tali salvagwardji xierqa, deroga għal sitwazzjonijiet speċifiċi tapplika skont l-Artikolu 59(1); jew

(b) ikun ġie konkluż ftehim ta' kooperazzjoni li jippermetti l-iskambju ta' data personali operazzjonali qabel it-12 ta' Diċembru 2019 bejn il-Eurojust u dak il-pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 26a tad-Deċiżjoni 2002/187/ĠAI, jew

(c) ikun ġie konkluż ftehim internazzjonali bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz jew l-organizzazzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 218 tat-TFUE li jipprovdi għal salvagwardji adegwati fir-rigward tal-protezzjoni tal-privatezza u d-drittijiet fundamentali u l-libertajiet tal-individwi.

3. L-arranġamenti ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 47(3) jistgħu jintużaw biex jiġu stabbiliti l-modalitajiet għall-implimentazzjoni tal-ftehimiet jew deċiżjonijiet ta' adegwatezza msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

4. Il-Eurojust tista' f'każijiet ta' urġenza tittrasferixxi data personali operazzjonali mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel minn Stat Membru f'konformità mal-punt (c) tal-paragrafu 1. Eurojust għandha biss tagħmel dan jekk it-trasferiment tad-data personali operazzjonali jkun meħtieġ għall-prevenzjoni ta' theddida immedjata u serja għas-sigurtà pubblika ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz jew għall-interessi essenzjali ta' Stat Membru, u fejn l-awtorizzazzjoni minn qabel ma tkunx tista' tinkiseb fi żmien xieraq. L-awtorità responsabbli għall-għoti ta' awtorizzazzjoni minn qabel għandha tkun infurmata mingħajr dewmien.

5. L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni ma għandhomx jittrasferixxu data personali operazzjonali li huma rċevew mill-Eurojust ulterjorment lil pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali. Bħala eċċezzjoni, huma jistgħu jagħmlu tali trasferiment f'każijiet fejn il-Eurojust tkun awtorizzatu wara li tkun qieset b'mod dovut il-fatturi kollha relevanti, inkluż il-livell ta' serjetà tar-reat kriminali, il-fini li għalih id-data personali operazzjonali ġiet oriġinalment trażmessa u l-livell ta' protezzjoni ta' data personali fil-pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali li lilhom tiġi ttrasferita d-data personali operazzjonali ulterjorment.

6. L-Artikoli 57, 58 u 59 għandhom japplikaw sabiex jiġi żgurat li l-livell ta' protezzjoni tal-persuni fiżiċi żgurat b'dan ir-Regolament u bil-liġi tal-Unjoni ma jiġix imminat.

▼B

*Artikolu 57*

**Trasferimenti abbażi ta' deċiżjoni ta' adegwatezza**

Il-Eurojust tista' tittrasferixxi data personali operazzjonali lil pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali fejn il-Kummissjoni tkun iddeċidiet f'konformità mal-Artikolu 36 tad-Direttiva (UE) 2016/680 li l-pajjiż terz, it-territorju jew settur speċifikat wieħed jew aktar f'dak il-pajjiż terz, jew l-organizzazzjoni internazzjonali inkwistjoni jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni.

*Artikolu 58*

**Trasferimenti suġġetti għal salvagwardji xierqa**

1. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni ta' adegwatezza, il-Eurojust tista' tittrasferixxi data personali operazzjonali lil pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali meta:

(a) salvagwardji xierqa fir-rigward tal-protezzjoni ta' data personali operazzjonali ikunu previsti fi strument legalment vinkolanti; jew

(b) il-Eurojust tkun ivvalutat iċ-ċirkustanzi kollha tat-trasferiment ta' data personali operazzjonali u tkun ikkonkludiet li jeżistu salvagwardji xierqa fir-rigward tal-protezzjoni ta' data personali operazzjonali.

2. Il-Eurojust għandha tinforma lill-KEPD dwar kategoriji ta' trasferimenti taħt il-punt (b) tal-paragrafu 1.

3. Meta trasferiment ikun ibbażat fuq il-punt (b) tal-paragrafu 1, tali trasferiment għandu jkun dokumentat u d-dokumentazzjoni għandha tkun magħmula disponibbli għall-KEPD fuq talba. Id-dokumentazzjoni għandha tinkludi rekord tad-data u l-ħin tat-trasferiment u informazzjoni dwar l-awtorità kompetenti li tirċevih, dwar il-ġustifikazzjoni għat-trasferiment u dwar id-data personali operazzjonali trasferita.

*Artikolu 59*

**Derogi għal sitwazzjonijiet speċifiċi**

1. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni ta' adegwatezza, jew ta' salvagwardji xierqa skont l-Artikolu 58, il-Eurojust tista' tittrasferixxi data personali operazzjonali lil pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali biss bil-kundizzjoni li t-trasferiment ikun meħtieġ:

(a) għall-protezzjoni tal-interessi vitali tas-suġġett tad-data jew ta' persuna oħra;

(b) għas-salvagwardja tal-interessi leġittimi tas-suġġett tad-data;

▼B

(c) għall-prevenzjoni ta' theddida immedjata u serja għas-sigurtà pubblika ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz; jew

(d) f'każijiet individwali għat-twettiq tal-kompiti tal-Eurojust, sakemm il-Eurojust ma tiddeterminax li d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġett tad-data kkonċernat jieħdu preċedenza fuq l-interess pubbliku fit-trasferiment.

2. Fejn trasferiment ikun ibbażat fuq il-paragrafu 1, tali trasferiment għandu jkun dokumentat u d-dokumentazzjoni għandha tkun magħmula disponibbli għall-KEPD fuq talba. Id-dokumentazzjoni għandha tinkludi rekord tad-data u l-ħin tat-trasferiment u informazzjoni dwar l-awtorità kompetenti li tirċevih, dwar il-ġustifikazzjoni għat-trasferiment u dwar id-data personali operazzjonali trasferita.

KAPITOLU VI

**DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI**

*Artikolu 60*

**Il-baġit**

1. L-istimi tad-dħul u n-nefqa kollha tal-Eurojust għandhom jitħejjew għal kull sena finanzjarja, li tikkorrispondi għas-sena kalendarja, u għandhom jintwerew fil-baġit tal-Eurojust.

2. Il-baġit tal-Eurojust għandu jkun ibbilanċjat f'termini ta' dħul u nfiq.

3. Mingħajr preġudizzju għal riżorsi oħra, id-dħul tal-Eurojust għandu jinvolvi:

(a) kontribuzzjoni mill-Unjoni mdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni;

(b) kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja volontarja mill-Istati Membri;

(c) imposti għal pubblikazzjonijiet u kwalunkwe servizz ipprovdut mill-Eurojust;

(d) għotjiet ad hoc.

4. In-nefqa tal-Eurojust għandha tinkludi remunerazzjoni tal-persunal, spejjeż amministrattivi u tal-infrastruttura u spejjeż operazzjonali, inkluż finanzjament għat-timijiet ta' investigazzjoni konġunta.

*Artikolu 61*

**Stabbiliment tal-baġit**

1. Kull sena, id-Direttur Amministrattiv għandu jfassal abbozz ta' dikjarazzjoni tal-istimi tad-dħul u n-nefqa tal-Eurojust għas-sena finanzjarja ta' wara, inkluża t-tabella tal-persunal, u għandu jibagħtu lill-Bord Eżekuttiv. In-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew u netwerks oħra tal-Unjoni involuti f'kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali msemmija fl-Artikolu 48 għandhom ikunu infurmati dwar il-partijiet relatati mal-attivitajiet tagħhom fi żmien debitu qabel ma l-istima tintbagħat lill-Kummissjoni.

▼B

2. Fuq il-bażi tal-abbozz ta' dikjarazzjoni tal-istimi, il-Bord Eżekuttiv għandu jirrieżamina l-abbozz provviżorju tal-istimi tad-dħul u n-nefqa tal-Eurojust għas-sena finanzjarja ta' wara, li huwa għandu jibagħat lill-Kulleġġ għall-adozzjoni.

3. L-abbozz tal-istima proviżorja tad-dħul u n-nefqa tal-Eurojust għandu jintbagħat lill-Kummissjoni sa mhux iktar tard mill-31 ta' Jannar ta' kull sena. Il-Eurojust għandha tibgħat l-abbozz tal-istima finali, li għandu jinkludi abbozz tat-tabella tal-persunal, lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu tal-istess sena.

4. Il-Kummissjoni għandha tibgħat id-dikjarazzjoni tal-istimi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (l-"awtorità tal-baġit") flimkien mal-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni.

5. Fuq il-bażi tad-dikjarazzjoni tal-istimi, il-Kummissjoni għandha ddaħħal fl-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni l-istimi li tqis neċessarji għat-tabella tal-persunal u l-ammont tal-kontribuzzjoni ddebitata lill-baġit ġenerali, li għandha tippreżenta quddiem l-awtorità tal-baġit f'konformità mal-Artikoli 313 u 314 tat-TFUE.

6. L-awtorità tal-baġit għandha tawtorizza l-approprjazzjonijiet għall-kontribuzzjoni mill-Unjoni għall-Eurojust.

7. L-awtorità tal-baġit għandha tadotta t-tabella tal-persunal tal-Eurojust. Il-baġit tal-Eurojust għandu jiġi adottat mill-Kulleġġ. Għandu jsir finali wara l-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali tal-Unjoni. Meta jkun meħtieġ, il-baġit tal-Eurojust għandu jiġi aġġustat mill-Kulleġġ kif xieraq.

8. L-Artikolu 88 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 ([1]) għandu japplika għal kwalunkwe proġett ta' bini li aktarx ikollu implikazzjonijiet sinifikanti għall-baġit tal-Eurojust.

*Artikolu 62*

**Implimentazzjoni tal-baġit**

Id-Direttur Amministrattiv għandu jaġixxi bħala l-uffiċjal awtorizzanti tal-Eurojust u għandu jimplimenta l-baġit tal-Eurojust bir-responsabbiltà tiegħu, fi ħdan il-limiti awtorizzati fil-baġit.

*Artikolu 63*

**Preżentazzjoni tal-kontijiet u kwittanza**

1. L-Uffiċjal tal-kontabilità tal-Eurojust għandu jibgħat il-kontijiet proviżorji għas-sena finanzjarja (sena N) lill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri sal-1 ta' Marzu tas-sena finanzjarja ta' wara (sena N+1).

([1]) Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42).

▼B

2. Il-Eurojust għandha tibgħat ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja għas-sena N lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri sal-31 ta' Marzu tas-sena N+1.

3. L-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni għandu jibgħat il-kontijiet proviżorji tal-Eurojust għas-sena N, konsolidati mal-kontijiet tal-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri sal-31 ta' Marzu tas-sena N+1.

4. F'konformità mal-Artikolu 246(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, il-Qorti tal-Awdituri għandha tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-kontijiet proviżorji tal-Eurojust sal-1 ta' Ġunju tas-sena N+1.

5. Malli jaslulu l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet proviżorji tal-Eurojust skont l-Artikolu 246 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, id-Direttur Amministrattiv għandu jfassal il-kontijiet finali tal-Eurojust taħt ir-responsabbltà tiegħu u għandu jippreżentahom lill-Bord Eżekuttiv għal opinjoni.

6. Il-Bord Eżekuttiv għandu jagħti opinjoni dwar il-kontijiet finali tal-Eurojust.

7. Sal-1 ta' Lulju tas-sena N+1, id-Direttur Amministrattiv għandu jibgħat il-kontijiet finali għas-sena N lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, flimkien mal-opinjoni tal-Bord Eżekuttiv.

8. Il-kontijiet finali għas-sena N għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* sal-15 ta' Novembru tas-sena N+1.

9. Id-Direttur Amministrattiv għandu jibgħat lill-Qorti tal-Awdituri tweġiba għall-osservazzjonijiet tagħha sat-30 ta' Settembru tas-sena N+1. Id-Direttur Amministrattiv għandu jibgħat din it-tweġiba wkoll lill-Bord Eżekuttiv u lill-Kummissjoni.

10. Fuq talba tal-Parlament Ewropew, id-Direttur Amministrattiv għandu jippreżenta lilu kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni bla intoppi tal-proċedura ta' kwittanza għas-sena finanzjarja inkwistjoni f'konformità mal-Artikolu 261(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

11. Fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, il-Parlament Ewropew għandu, qabel il-15 ta' Mejju tas-sena N + 2, jagħti kwittanza lid-Direttur Amministrattiv fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena N.

12. Il-kwittanza tal-baġit tal-Eurojust għandha tingħata mill-Parlament Ewropew fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont proċedura paragunabbli ma' dik prevista fl-Artikolu 319 tat-TFUE u l-Artikoli 260, 261 u 262 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, u abbażi tar-rapport ta' awditjar tal-Qorti tal-Awdituri.

▼B

Jekk il-Parlament Ewropew jirrifjuta li jagħti l-kwittanza sal-15 ta' Mejju tas-sena N+2, id-Direttur Amministrattiv għandu jiġi mistieden jispjega l-pożizzjoni tiegħu lill-Kulleġġ, li għandu jieħu d-deċiżjoni finali tiegħu fuq il-pożizzjoni tad-Direttur Amministrattiv fid-dawl taċ-ċirkustanzi.

*Artikolu 64*

**Regoli finanzjarji**

1. Ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-Eurojust għandhom jiġu adottati mill-Bord Eżekuttiv f'konformità mar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1271/2013 wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni. Dawk ir-regoli finanzjarji ma għandhomx jiddevjaw mir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1271/2013 sakemm tali devjazzjoni ma tkunx meħtieġa b'mod speċifiku għall-operat tal-Eurojust u l-Kummissjoni tkun tat il-kunsens tagħha minn qabel.

Fir-rigward tal-appoġġ finanzjarju li għandu jingħata lill-attivitajiet tat-timijiet ta' investigazzjoni konġunti, il-Eurojust u l-Europol għandhom jistabbilixxu b'mod konġunt ir-regoli u l-kundizzjonijiet li bihom l-applikazzjonijiet għal tali appoġġ għandhom jiġu pproċessati.

2. Il-Eurojust tista' tagħmel għotjiet relatati mat-twettiq tal-kompiti tagħha taħt l-Artikolu 4(1). Għotjiet mogħtija għal kompiti relatati mal-punt (f) tal-Artikolu 4(1) jistgħu jingħataw lill-Istati Membri mingħajr sejħa għal proposti.

KAPITOLU VII

**DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IL-PERSUNAL**

*Artikolu 65*

**Dispożizzjonijiet ġenerali**

1. Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti Oħra, kif ukoll ir-regoli adottati bi qbil bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni biex jagħtu effett lir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u lill-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti Oħra għandhom japplikaw għall-persunal tal-Eurojust.

2. Il-persunal tal-Eurojust għandu jikkonsisti f'persunal irreklutat skont ir-regoli u r-regolamenti applikabbli għal uffiċjali u impjegati oħra tal-Unjoni, b'kont meħud tal-kriterji kollha msemmija fl-Artikolu 27 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali, inkluża d-distribuzzjoni ġeografika tagħhom.

*Artikolu 66*

**Esperti nazzjonali sekondati u persunal ieħor**

1. Minbarra l-persunal tagħha stess, il-Eurojust tista' tuża esperti nazzjonali sekondati jew persunal ieħor li ma jkunx impjegat mill-Eurojust.

▼B

2. Il-Kulleġġ għandu jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi regoli dwar is-sekondar ta' esperti nazzjonali mal-Eurojust u dwar l-użu ta' persunal ieħor, b'mod partikolari biex jiġu evitati l-kunflitti ta' interess potenzjali.

3. Il-Eurojust għandha tieħu l-miżuri amministrattivi xierqa, inter alia permezz ta' strateġiji ta' taħriġ u prevenzjoni, biex tevita l-kunflitti ta' interess, inklużi kunflitti ta' interessi relatati ma' kwistjonijiet rigward il-perjodu suċċessiv għal impjieg.

KAPITOLU VIII

**EVALWAZZJONI U RAPPURTAR**

*Artikolu 67*

**Involviment tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u tal-parlamenti nazzjonali**

1. Il-Eurojust għandha tibgħat ir-rapport annwali tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-parlamenti nazzjonali, li jistgħu jippreżentaw osservazzjonijiet u konklużjonijiet.

2. Malli jieħu l-kariga tiegħu, il-President elett tal-Eurojust għandu jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat jew kumitati kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb il-mistoqsijiet li jagħmlulu l-membri tiegħu. Id-diskussjonijiet ma għandhomx jirreferu b'mod dirett jew indirett għal azzjonijiet konkreti meħuda fir-rigward ta' każijiet operazzjonali speċifiċi.

3. Il-President tal-Eurojust għandu jidher darba fis-sena għal evalwazzjoni konġunta tal-attivitajiet tal-Eurojust mill-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali fil-qafas ta' laqgħa tal-kumitat interparlamentari, biex jiddiskuti l-attivitajiet attwali tal-Eurojust u biex jippreżenta r-rapport annwali tagħha jew dokumenti oħra ewlenin tal-Eurojust.

Id-diskussjonijiet ma għandhomx jirreferu b'mod dirett jew indirett għal azzjonijiet konkreti meħuda fir-rigward ta' każijiet operazzjonali speċifiċi.

4. Minbarra l-obbligi l-oħra ta' informazzjoni u konsultazzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament, il-Eurojust għandha tittrażmetti lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti nazzjonali fil-lingwi uffiċjali rispettivi tagħhom għal skopijiet ta' informazzjoni tagħhom:

(a) ir-riżultati tal-istudji u l-proġetti strateġiċi elaborati jew kummissjonati mill-Eurojust;

(b) id-dokument ta' programmazzjoni msemmi fl-Artikolu 15;

(c) arranġamenti ta' ħidma konklużi ma' partijiet terzi.

▼B

*Artikolu 68*

**Opinjonijiet dwar atti leġiżlattivi proposti**

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom abbażi tal-punt (b) tal-Artikolu 76 tat-TFUE jistgħu jitolbu l-opinjoni tal-Eurojust dwar l-atti leġiżlattivi proposti kollha msemmija fl-Artikolu 76 tat-TFUE.

*Artikolu 69*

**Evalwazzjoni u rieżami**

1. Sat-13 ta' Diċembru 2024, u kull 5 snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tikkummissjona evalwazzjoni tal-implimentazzjoni u l-impatt ta' dan ir-Regolament, u l-effikaċja u l-effiċjenza tal-Eurojust u l-prattiki tax-xogħol tagħha. Il-pożizzjoni tal-Kulleġġ għandha tinstema' fl-evalwazzjoni. L-evalwazzjoni tista', b'mod partikolari, tindirizza l-ħtieġa possibbli li jiġi modifikat il-mandat tal-Eurojust, u l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' kwalunkwe modifika bħal din.

2. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi r-rapport ta' evalwazzjoni flimkien mal-konklużjonijiet tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-parlamenti nazzjonali, lill-Kunsill u lill-Kulleġġ. Il-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni għandhom isiru pubbliċi.

KAPITOLU IX

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI**

*Artikolu 70*

**Privileġġi u immunitajiet**

Il-Protokoll Nru 7 dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, anness mat-TUE u mat-TFUE, għandu japplika għall-Eurojust u l-persunal tiegħu.

*Artikolu 71*

**Arranġamenti lingwistiċi**

1. Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1 ([1]) għandu japplika għall-Eurojust.

2. Il-Kulleġġ għandu jiddeċiedi dwar l-arranġamenti lingwistiċi interni tal-Eurojust b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu.

3. Is-servizzi tat-traduzzjoni meħtieġa għall-funzjonament tal-Eurojust għandhom jiġu pprovduti miċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-korpi tal-Unjoni Ewrope, kif stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 ([2]), sakemm il-fatt li ċ-Ċentru tat-Traduzzjoni ma jkunx disponibbli ma jirrikjedix li tinstab soluzzjoni oħra.

([1]) Regolament tal-Kunsill Nru 1 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU 17, 6.10.1958, p. 385).

([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 tat-28 ta' Novembru 1994 li jistabbilixxi Ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 314, 7.12.1994, p. 1).

▼B

*Artikolu 72*

**Kunfidenzjalità**

1. Il-membri nazzjonali u d-deputati u l-Assistenti tagħhom imsemmija fl-Artikolu 7, il-persunal tal-Eurojust, il-korrispondenti nazzjonali, l-esperti nazzjonali sekondati, il-maġistrati ta' kollegament, l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data, u l-membri u l-persunal tal-KEPD għandhom ikunu marbutin b'obbligu ta' kunfidenzjalità fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni li jsiru jafu biha matul it-twettiq tal-kompiti tagħhom.

2. L-obbligu ta' kunfidenzjalità għandu japplika għall-persuni kollha u l-korpi kollha li jaħdmu mal-Eurojust.

3. L-obbligu ta' kunfidenzjalità għandu japplika wkoll wara t-tluq mill-uffiċċju jew l-impjieg u wara t-terminazzjoni tal-attivitajiet tal-persuni msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

4. L-obbligu ta' kunfidenzjalità għandu japplika għall-informazzjoni kollha riċevuta jew skambjata mill-Eurojust, sakemm dik l-informazzjoni ma tkunx diġà saret pubblika jew tkun aċċessibbli għall-pubbliku b'mod legali.

*Artikolu 73*

**Kundizzjonijiet għall-kunfidenzjalità ta' proċedimenti nazzjonali**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 21(3), meta l-informazzjoni tkun riċevuta jew skambjata permezz tal-Eurojust, l-awtorità tal-Istat Membru li tkun ipprovdiet l-informazzjoni tista' tistipula kundizzjonijiet, skont il-liġi nazzjonali tagħha, dwar l-użu mill-awtorità riċeventi ta' dik l-informazzjoni fi proċedimenti nazzjonali.

2. L-awtorità tal-Istat Membru li tirċievi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun marbuta b'dawk il-kundizzjonijiet.

*Artikolu 74*

**Trasparenza**

1. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) għandu japplika għad-dokumenti miżmuma mill-Eurojust.

2. Fi żmien sitt xhur mid-data tal-ewwel laqgħa tiegħu, il-Bord Eżekuttiv għandu jħejji r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 għall-adozzjoni mill-Kulleġġ.

3. Id-deċiżjonijiet meħudin mill-Eurojust skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jistgħu jkunu s-suġġett ta' lment lill-Ombudsman Ewropew jew ta' azzjoni quddiem il-Qorti, taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 228 u 263 tat-TFUE, rispettivament.

([1]) Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

▼B

4. Il-Eurojust għandha tippubblika fuq il-websajt tagħha lista tal-membri tal-Bord ta' Amministrazzjoni u sommarji tal-eżiti tal-laqgħat tal-Bord Eżekuttiv. Il-pubblikazzjoni ta' dawk is-sommarji għandha titħalla barra jew tiġi ristretta temporanjament jew b'mod permanenti jekk ikun hemm ir-riskju li tali pubblikazzjoni tikkomprommetti t-twettiq tal-kompiti tal-Eurojust, b'kont meħud tal-obbligi tagħha ta' diskrezzjoni u kunfidenzjalità u l-karattru operazzjonali tal-Eurojust.

*Artikolu 75*

**OLAF u l-Qorti tal-Awdituri**

1. Biex tiġi faċilitata l-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali taħt ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Eurojust għandha taderixxi mal-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) ([1]). Il-Eurojust għandha tadotta dispożizzjonijiet xierqa li japplikaw għall-membri nazzjonali, id-deputati u l-Assistenti tagħhom kollha, l-esperti nazzjonali sekondati kollha u l-persunal tal-Eurojust kollu, billi jintuża l-mudell stabbilit fl-Anness għal dak il-Ftehim.

2. Il-Qorti tal-Awdituri għandu jkollha s-setgħat tal-awditjar, fuq il-bażi ta' dokumenti u fuq il-post, fuq il-benefiċjarji tal-għajnuna, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi kollha li rċivew fondi tal-Unjoni mill-Eurojust.

3. L-OLAF jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, f'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stipulati fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 ([2]) bil-għan li jistabbilixxi jekk seħħitx xi irregolarità li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta man-nefqa ffinanzjata mill-Eurojust.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1, 2 u 3, l-arranġamenti tax-xogħol ma' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali, il-kuntratti, il-ftehimiet ta' għoti u d-deċiżjonijiet ta' għoti tal-Eurojust għandu jkun fihom dispożizzjonijiet li espressament jagħtu s-setgħa lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF biex iwettqu tali awditjar u investigazzjonijiet, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom.

5. Il-persunal tal-Eurojust, id-Direttur Amministrattiv u l-membri tal-Kulleġġ u tal-Bord Eżekuttiv għandhom, mingħajr dewmien u mingħajr b'riżultat ta' dan ma tiġi kkonstestata r-responsabbiltà tagħhom, jinnotifikaw lill-OLAF u lill-UPPE dwar kwalunkwe suspett ta' attività irregolari jew illegali li jkun wasal għall-attenzjoni tagħhom fil-qadi ta' dmirijiethom.

([1]) ĠU L 136, 31.5.1999, p. 15.

([2]) Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

▼B

*Artikolu 76*

**Regoli dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata u ta' informazzjoni klassifikata**

1. Il-Eurojust għandha tistabbilixxi regoli interni dwar it-trattament u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni u dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata, inkluż il-ħolqien u l-ipproċessar ta' tali informazzjoni fil-Eurojust.

2. Il-Eurojust għandha tistabbilixxi regoli interni dwar il-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata tal-UE li għandhom ikunu konsistenti mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE ([1]) sabiex jiġi żgurat livell ekwivalenti ta' protezzjoni għal tali informazzjoni.

*Artikolu 77*

**Investigazzjonijiet amministrattivi**

L-attivitajiet amministrattivi tal-Eurojust għandhom ikunu suġġetti għall-investigazzjonijiet tal-Ombudsman Ewropew f'konformità mal-Artikolu 228 tat-TFUE.

*Artikolu 78*

**Responsabbiltà oħra minbarra r-responsabilità għall-ipproċessar mhux awtorizzat jew żbaljat ta' data**

1. Ir-responsabilità kuntrattwali tal-Eurojust għandha tkun regolata mil-liġi applikabbli għall-kuntratt inkwistjoni.

2. Il-Qorti għandu jkollha ġurisdizzjoni biex tagħti sentenza skont kwalunkwe klawżola ta' arbitraġġ li tinsab f'kuntratt konkluż mill-Eurojust.

3. Fil-każ ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali, il-Eurojust, f'konformità mal-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet tal-Istati Membri u b'mod indipendenti minn kwalunkwe responsabbiltà skont l-Artikolu 46, għandha tagħmel tajjeb għal kwalunkwe ħsara kkaġunata mill-Eurojust jew mill-persunal tagħha fil-qadi ta' dmirijietu.

4. Il-paragrafu 3 għandu japplika wkoll għall-ħsara kkaġunata minħabba membru nazzjonali, deputat jew Assistent fil-qadi ta' dmirijiethom. Madankollu, meta dawn ikunu qed jaġixxu fuq il-bażi tas-setgħat mogħtija lilhom skont l-Artikolu 8, l-Istat Membru tagħhom għandu jrodd lill-Eurojust is-somom li l-Eurojust ħallset biex tagħmel tajjeb għat-tali ħsara.

5. Il-Qorti għandu jkollha ġurisdizzjoni fit-tilwim dwar kumpens għall-ħsarat imsemmija fil-paragrafu 3.

6. Il-qrati nazzjonali tal-Istati Membri kompetenti biex jindirizzaw tilwim li jinvolvi r-responsabbiltà tal-Eurojust kif imsemmi f'dan l-Artikolu għandhom jiġu determinati b'referenza għar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 274, 15.10.2013, p. 1).

([2]) Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1).

▼B

7. Ir-responsabbiltà personali tal-persunal tal-Eurojust lejn il-Eurojust għandha tkun regolata bid-dispożizzjonijiet applikabbli stabbiliti fir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti Oħra.

*Artikolu 79*

**Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali u l-kundizzjonijiet operazzjonali**

1. Is-sede tal-Eurojust għandha tkun l-Aja, in-Netherlands.

2. L-arranġamenti neċessarji dwar l-akkomodazzjoni li għandha tiġi pprovduta għall-Eurojust fin-Netherlands u l-faċilitajiet li għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni min-Netherlands flimkien mar-regoli speċifiċi applikabbli fin-Netherlands għad-Direttur Amministrattiv, il-membri tal-Kulleġġ, il-persunal tal-Eurojust u l-membri tal-familji tagħhom għandhom jiġu stabbiliti fi ftehim dwar il-kwartieri ġenerali bejn il-Eurojust u n-Netherlands li jiġi konkluż ladarba tinkiseb l-approvazzjoni tal-Kulleġġ.

*Artikolu 80*

**Ftehimiet tranżizzjonali**

1. Il-Eurojust kif stabbilita b'dan ir-Regolament għandha tkun is-suċċessur legali ġenerali fir-rigward tal-kuntratti kollha konklużi, tar-responsabbiltajiet kollha assunti, u tal-proprjetajiet kollha akkwistati mill-Eurojust kif stabbilita bid-Deċiżjoni 2002/187/ĠAI.

2. Il-membri nazzjonali tal-Eurojust kif stabbilita bid-Deċiżjoni 2002/187/ĠAI li kienu sekondati minn kull Stat Membru taħt dik id-Deċiżjoni għandhom jieħdu r-rwol tal-membri nazzjonali tal-Eurojust skont it-Taqsima II tal-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament. Il-mandat tagħhom jista' jiġi estiż darba taħt l-Artikolu 7(5) ta' dan ir-Regolament wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, irrispettivament minn estensjoni li tkun ingħatat qabel.

3. Il-President u l-Viċi Presidenti tal-Eurojust kif stabbilita bid-Deċiżjoni 2002/187/ĠAI fil-mument tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jieħdu r-rwol tal-President u l-Viċi Presidenti tal-Eurojust taħt l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament, sakemm jiskadilhom il-mandat tagħhom skont dik id-Deċiżjoni. Huma jistgħu jerġgħu jiġu eletti darba wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament taħt l-Artikolu 11(4) ta' dan ir-Regolament, irrispettivament minn rielezzjoni preċedenti.

4. Id-Direttur Amministrattiv li nħatar l-aħħar taħt l-Artikolu 29 tad-Deċiżjoni 2002/187/ĠAI għandu jieħu r-rwol tad-Direttur Amministrattiv taħt l-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament sakemm jiskadi l-mandat tiegħu taħt dik id-Deċiżjoni. Il-mandat ta' dak id-Direttur Amministrattiv jista' jiġi estiż darba wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

5. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-validità tal-ftehimiet konklużi mill-Eurojust kif stabbilita bid-Deċiżjoni 2002/187/ĠAI. B'mod partikolari, il-ftehimiet internazzjonali kollha konklużi mill-Eurojust qabel it-12 ta' Diċembru 2019 għandhom jibqgħu validi.

▼B

6. Il-proċedura tal-kwittanza fir-rigward tal-baġits approvati abbażi tal-Artikolu 35 tad-Deċiżjoni 2002/187/ĠAI għandha titwettaq f'konformità mar-regoli stabbiliti bl-Artikolu 36 tagħha.

7. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-kuntratti tal-impjieg li jkunu ġew konklużi taħt id-Deċiżjoni 2002/187/ĠAI qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data li nħatar l-aħħar taħt l-Artikolu 17 ta' dik id-Deċiżjoni għandu jieħu r-rwol ta' Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data taħt l-Artikolu 36 ta' dan ir-Regolament.

▼M1

8. B'deroga mill-Artikolu 23(6), il-Eurojust tista' tistabbilixxi faċilità awtomatizzata ta' ġestjoni u ħżin tad-*data* separata mis-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet imsemmija fl-Artikolu 23 għall-fini tal- ipproċessar tad-*data* personali operazzjonali għat-twettiq tal-funzjoni operattiv msemmija fl-Artikolu 4(l), il-punt (j) ('il-faċilità awtomatizzata ta' ġestjoni u ħżin tad-data').

Il-faċilità awtomatizzata ta' ġestjoni u ħżin tad-*data* għandha tikkonforma mal-oġħla standards ta' ċibersigurtà.

Minkejja l-Artikolu 90 tar-Regolament (UE) 2018/1725, il-Eurojust għandha tikkonsulta mal-KEPD qabel l-operazzjoni tal- l-faċilità awtomatizzata ta' ġestjoni u ħżin tad-data. Il-KEPD għandu jagħti opinjoni fi żmien xahrejn minn meta jirċievi notifika mill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data.

In-notifika mill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* msemmija fit-tielet subparagrafu għandu jkun fiha mill-inqas l-elementi li ġejjin:

(a) deskrizzjoni ġenerali tal-operazzjonijiet ta' pproċessar previsti;

(b) valutazzjoni tar-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*;

(c) il-miżuri previsti biex jindirizzaw ir-riskji msemmija fil punt (b);

(d) is-salvagwardji, il-miżuri ta' sigurtà u l-mekkaniżmi li jiżguraw il-protezzjoni ta' *data* personali u li juru l-konformità ma' dan ir-Regolament, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-drittijiet u l-interessi leġittimi tas-suġġetti tad-*data* u persuni kkonċernati oħrajn.

Id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data stabbiliti f'dan ir-Regolament u fir-Regolament (UE) 2018/1725 għandhom japplikaw għall-ipproċessar tad-data fil-faċilità awtomatizzata ta' ġestjoni u ħżin tad-data safejn dawn ma jkunux relatati direttament mal-istruttura teknika tas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet. Id-drittijiet ta' aċċess u l-limiti ta' żmien għad-data maħżuna fil-faċilità awtomatizzata ta' ġestjoni u ħżin tad-data għandhom ikunu skont ir-regoli applikabbli dwar l-aċċess għall-fajls ta' ħidma temporanji, li d-data tinħażen biex tappoġġahom, u skont il-limiti ta' żmien rispettivi, partikolarment dawk stabbiliti fl-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament.

▼M1

Id-deroga prevista f'dan il-paragrafu għandha tapplika sakemm is-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet komposta minn fajls ta' ħidma temporanji u minn indiċi, tibqa' fis- seħħ.

▼M2

9. Il-Eurojust tista' tkompli tuża s-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet magħmula minn fajls ta' ħidma temporanji u minn indiċi sa tas-1 ta' Diċembru 2025 [l-ewwel jum tax-xahar wara l-perjodu ta' sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], jekk is-sistema l-ġdida ta' ġestjoni tal-każijiet tkun għadha ma daħlitx fis-seħħ.

10. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-Eurojust jistgħu jkomplu jużaw kanali ta' komunikazzjoni oħrajn minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 22a(1) sal-ewwel jum tax-xahar wara l-perjodu ta' sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 22b ta'dan ir-Regolament, jekk il-kanali ta' komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 22a(1) ikun għadhom ma humiex disponibbli għal skambju dirett bejniethom.

11. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jkomplu jipprovdu informazzjoni b'modi oħra li ma humiex semiawtomatiċi f'konformità mal-Artikolu 22a(3) sal-ewwel jum tax-xahar wara l-perjodu ta' sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 22b ta' dan ir-Regolament, jekk ir-rekwiżiti tekniċi jkunu għadhom ma humiex fis-seħħ.

▼B

*Artikolu 81*

**Sostituzzjoni u tħassir**

1. Id-Deċiżjoni 2002/187/ĠAI hija b'dan sostitwita għall-Istati Membri marbuta b'dan ir-Regolament b'effett mit-12 ta' Diċembru 2019.

Għalhekk, id-Deċiżjoni 2002/187/ĠAI hija mħassra b'effett mit-12 ta' Diċembru 2019.

2. Fir-rigward tal-Istati Membri marbuta b'dan ir-Regolament, ir-referenzi għad-Deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 82*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Huwa għandu japplika mit-12 ta' Diċembru 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

▼B

*ANNESS I*

Lista ta' forom ta' kriminalità serja li l-Eurojust hija kompetenti sabiex tindirizza f'konformità mal-Artikolu 3(1):

— terroriżmu,

— kriminalità organizzata,

— traffikar tad-drogi,

— attivitajiet ta' ħasil tal-flus,

— kriminalità marbuta ma' sustanzi nukleari u radjuattivi,

— faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' immigranti,

— traffikar tal-bnedmin,

— kriminalità marbuta ma' vetturi,

— omiċidju u offiżi gravi fuq il-persuna,

— kummerċ illeċitu f'organi u tessut tal-bniedem,

— ħtif, żamma kontra r-rieda u teħid ta' ostaġġi,

— razziżmu u ksenofobija,

— serq u serq aggravat,

— traffikar illeċitu fi prodotti tal-kultura, inklużi oġġetti antiki u xogħlijiet artistiċi,

— imbrolju u frodi,

— kriminalità kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni,

— abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq finanzjarju,

— rikattar organizzat u estorsjoni,

— falsifikazzjoni u piraterija tal-prodotti,

— falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi u traffikar ta' dawn,

— falsifikazzjoni ta' flus u mezzi ta' ħlas,

— kriminalità relatata mal-kompjuter,

— korruzzjoni,

— traffikar illeċitu f'armi, munizzjoni u splussivi,

— traffikar illeċitu fi speċijiet ta' annimali fil-periklu,

— traffikar illeċitu fi speċijiet u varjetajiet ta' pjanti fil-periklu,

— kriminalità kontra l-ambjent, inkluż it-tniġġis minn vapuri,

— traffikar illeċitu f'sustanzi ormonali u promoturi oħra tat-tkabbir,

— abbuż sesswali u sfruttament sesswali, inkluż materjal marbut mal-abbuż tat-tfal u t-tħajjir tat-tfal għal finijiet sesswali,

— ġenoċidju, kriminalità kontra l-umanità u kriminalità tal-gwerra.

▼B

*ANNESS II*

**KATEGORIJI TA' DATA PERSONALI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 27**

1. (a) kunjom, isem tax-xbubija, ismijiet mogħtijin u kwalunkwe psewdonimu jew isem assunt;

(b) data u l-post tat-twelid;

(c) ċittadinanza;

(d) sess;

(e) post ta' residenza, professjoni u fejn tinsab il-persuna kkonċernata;

(f) numru tas-sigurtà soċjali jew numri uffiċjali oħra użati fl-Istat Membru għall-identifikazzjoni ta' individwi, data dwar il-liċenzji tas-sewqan, id-dokumenti ta' identifikazzjoni u tal-passaport, numri tad-dwana u ta' identifikazzjoni tat-taxxa;

(g) informazzjoni dwar persuni ġuridiċi jekk tinkludi informazzjoni relatata ma' individwi identifikati jew identifikabbli li huma s-suġġett ta' investigazzjoni ġudizzjarja jew prosekuzzjoni;

(h) dettalji ta' kontijiet miżmuma ma' banek jew ma' istituzzjonijiet finanzjarji oħra;

(i) deskrizzjoni u natura tar-reati allegati, id-data li fiha twettqu, il-kategorija kriminali tar-reati u l-progress fl-investigazzjonijiet;

(j) il-fatti li jindikaw estensjoni internazzjonali tal-każ;

(k) dettalji relatati mas-sħubija allegata f' organizzazzjoni kriminali;

(l) numri tat-telefon, indirizzi tal-email, data dwar it-traffiku u data ta' lokalizzazzjoni, kif ukoll kwalunkwe data relatata meħtieġa biex jiġi identifikat l-abbonat jew l-utent;

(m) data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vettura;

▼M1

(n) profili tad-DNA stabbiliti mill-parti mhux kodifikattriċi tad-DNA, ritratti u marki tas-swaba' u, fir-rigward tar-reati u r-reati kriminali relatati msemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (j), filmati u awdjoreġistrazzjonijiet.

▼B

2. (a) kunjom, isem tax-xbubija, ismijiet mogħtijin u kwalunkwe psewdonimu jew isem assunt;

(b) data u l-post tat-twelid;

(c) ċittadinanza;

(d) sess;

(e) il-post ta' residenza, professjoni u fejn tinsab il-persuna kkonċernata;

▼M1

(f) id-deskrizzjoni u n-natura tar-reati li jinvolvu lill-persuna kkonċernata, id-data ta' meta twettqu r-reati u l-post fejn twettqu, il-kategorija kriminali tar-reati, il-progress tal-investigazzjonijiet u, fir-rigward tar-reati u r-reati kriminali relatati msemmijin fl-Artikolu 4(1), il-punt (j), informazzjoni relatata ma' mġieba kriminali, inklużi awdjoreġistrazzjonijiet, filmati, immaġnijiet bis-satellita u ritratti;

▼B

(g) in-numru tas-sigurtà soċjali jew numri uffiċjali oħra użati mill-Istati Membri għall-identifikazzjoni ta' individwi, liċenzji tas-sewqan, dokumenti ta' identifikazzjoni u data tal-passaport, numri tad-dwana u ta' identifikazzjoni tat-Taxxa;

(h) dettalji ta' kontijiet miżmuma ma' banek u ma' istituzzjonijiet finanzjarji oħra;

(i) numri tat-telefon, indirizzi tal-email, data dwar it-traffiku u data ta' lokalizzazzjoni, kif ukoll kwalunkwe data relatata meħtieġa biex jiġi identifikat l-abbonat jew l-utent;

(j) data dwar ir-reġistrazzjoni ta' vettura.

▼**M2**

*ANNESS III*

(a) informazzjoni sabiex tiġi identifikata l-persuna suspettata, akkużata, ikkundannata jew illiberata:

Għal persuna fiżika:

— il-kunjom (isem il-familja);

— l-ismijiet (ismijiet mogħtija);

— kwalunkwe psewdonimu;

— id-data tat-twelid;

— il-post tat-twelid (belt u pajjiż);

— in-nazzjonalità jew nazzjonalitajiet;

— dokument ta' identifikazzjoni (tip u numru tad-dokument);

— ġeneru;

— il-post ta' residenza;

Għal persuna ġuridika:

— l-isem tan-negozju;

— il-forma ġuridika;

— il-post tal-uffiċċju prinċipali;

Kemm għall-persuni fiżiċi kif ukoll dawk ġuridiċi:

— in-numri tat-telefon;

— l-indirizzi tal-email;

— id-dettalji tal-kontijiet miżmuma f'banek jew f'istituzzjonijiet finanzjarji oħra;

(b) informazzjoni dwar ir-reat terroristiku:

— informazzjoni dwar persuni ġuridiċi involuti fit-tħejjija jew fit-twettiq ta' reat terroristiku;

— kwalifika legali tar-reat skont il-liġi nazzjonali;

— il-forma applikabbli ta' reat serju mil-lista msemmija fl-Anness I;

— kwalunkwe affiljazzjoni ma' grupp terroristiku;

— it-tip ta' terroriżmu, pereżempju ġihadist, separatist, tax-xellug jew tal-lemin;

— sommarju qasir tal-każ;

(c) informazzjoni dwar il-proċedimenti nazzjonali:

— l-istatus ta' tali proċedimenti;

— l-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku responsabbli;

▼**M2**

— in-numru tal-każ;

— id-data tal-ftuħ tal-proċedimenti ġudizzjarji formali;

— rabtiet ma' każijiet rilevanti oħra;

(d) informazzjoni addizzjonali biex tiġi identifikata l-persuna suspettata:

— id-data tal-marki tas-swaba' li tkun inġabret f'konformità mal-liġi nazzjonali matul proċedimenti kriminali;

— ritratti.